



Dokument ta' sessjoni

A9-0189/2022

22.6.2022

RAPPORT

lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura
(2021/2253(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteurs: Milan Brglez, Sirpa Pietikäinen

(Proċedura b'kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	48
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	50
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT	51

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura (2021/2253(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-għanijiet stabbiliti taħt l-Artikolu 3 TUE, b'mod partikolari l-għieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif ukoll il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 8 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, li jħaddan l-għan tal-UE li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-klawżola soċjali orizzontali fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-oġettivi tal-politika soċjali stabbiliti fl-Artikoli 151 u 153 TFUE,
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'mod partikolari l-Artikolu 15, dwar id-dritt ta' persuni b'diżabilità għall-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni, u l-Artikolu 23 dwar id-dritt tal-anzjani għall-protezzjoni soċjali,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 25 dwar id-drittijiet tal-anzjani li jgħixu haġja indipendenti u dinjituża u l-Artikolu 26 tagħha dwar l-integrazzjoni ta' persuni diżabbli, u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-TUE,
- wara li kkunsidra l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), b'mod partikolari l-prinċipju 17 dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-prinċipju 18 dwar id-dritt għall-kura fit-tul,
- wara li kkunsidra d-Deċennju tat-Tixxijh b'Saħħtu tan-NU 2021-2030 u l-Qafas tad-WHO għall-pajjiżi biex jiksbu kontinwità integrata ta' kura fit-tul¹
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR u l-miri ewlenin tiegħu għall-2030,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs), b'mod partikolari l-għanijiet nru 3 dwar "Saħħa Tajba u Benesseri", nru 5 dwar "Ugwaljanza bejn il-Ġeneri", nru 8 dwar "Xogħol Deċenti u Tkabbir Ekonomiku" u nru 10 dwar "Anqas Inugwaljanzi",
- wara li kkunsidra r-rapport tematiku tal-Espert Indipendenti tan-NU dwar it-Tgawdija

¹ <https://www.who.int/news/item/14-03-2022-who-launches-new-framework-to-support-countries-achieve-integrated-continuum-of-long-term-care>

tad-Drittijiet tal-Bniedem Kollha mill-Anzjani tat-22 ta' Lulju 2020 dwar l-impatt tal-marda tal-coronavirus (COVID-19) fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-anzjani A/75/2020², u l-istqarrija tagħha dwar l-Awtonomija u l-kura tal-anzjani għat-30 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti³,

- wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u b'mod partikolari l-Konvenzjoni C149 dwar l-Infermiera tal-1977 u r-Rakkomandazzjoni Nru 157 li takkumpanjaha, il-Konvenzjoni C183 dwar il-Protezzjoni tal-Maternità tal-2000 u r-Rakkomandazzjoni Nru 191 li takkumpanjaha, il-Konvenzjoni C189 dwar il-Ħaddiema Domestiċi tal-2011 u r-Rakkomandazzjoni Nru 201 li takkumpanjaha, il-Konvenzjoni C190 dwar il-Vjolenza u l-Fastidju tal-2019 u r-Rakkomandazzjoni Nru 206 li takkumpanjaha, u r-Rakkomandazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali Bażika Nru 202,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO tas-7 ta' Marzu 2022 bit-titlu "Care at work: Investing in care leave and services for a more gender equal world of work" (Kura fuq ix-xogħol: Investiment fil-liv tal-kura u s-servizzi għal dinja tax-xogħol aktar ugwali bejn il-ġeneri),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO tad-19 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "The Employment Generation Impact of Meeting SDG Targets in Early Childhood Care, Education, Health and Long-Term Care in 45 Countries" (L-Impatt tal-Ġenerazzjoni tal-Impjiegi fl-Ilħuq tal-Miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-Kura tat-Tfulija Bikrija, l-Edukazzjoni, is-Saħħa u l-Kura fit-Tul f'45 Pajjiż),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-ILO li tikkonċerna sejħa globali għal azzjoni għal approċċ iċċentrat fuq il-bniedem mill-kriżi tal-COVID-19 li hija inklużiva, sostenibbli u reżiljenti, adottata fil-109 Sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol f'Ġunju 2021,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tas-7 ta' Marzu 2022 "Care at work: Investing in care leave and services for a more gender equal world of work" (Il-kura fuq ix-xogħol: Investiment fil-liv tal-kura u s-servizzi għal dinja tax-xogħol aktar ugwali bejn il-ġeneri),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UN CRPD),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC),
- wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der

² <https://www.ohchr.org/en/documents/thematic-reports/impact-coronavirus-disease-covid-19-enjoyment-all-human-rights-older>

³

<https://undocs.org/Home/Mobile?FinalSymbol=A%2FHRC%2F30%2F43&uage=E&DeviceType=Desktop&Requested=False>

Leyen,

- wara li kkunsidra l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)⁴,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tnejja ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)⁶,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/522 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027,
- wara li kkunsidra l-inizjattiva konġunta tal-OECD u tal-Kummissjoni Ewropea "L-istat tas-saħħa",
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE⁷,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/43/KE tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol⁸,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal⁹,

⁴ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21.

⁵ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

⁶ ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30.

⁷ ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

⁸ ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

⁹ ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020) 152 final), tal-5 ta' Marzu 2020,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 bit-titolu "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017)0252),
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali u jinħolqu l-impjiegi tad-9 ta' Diċembru 2021,
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-Tixjiħ tas-27 ta' Jannar 2021 (COM(2021)0050),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "A Long-Term Vision for Rural Areas" (Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali) tal-2021,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata fir-raba' Konferenza Ministerjali tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU dwar it-Tixjiħ f'Liżbona fit-22 ta' Settembru 2017 bit-titolu "A Sustainable Society for all Ages: Realizing the potential of living longer" (Soċjetà Sostenibbli għall-Etajiet kollha: Niksbu l-potenzjal ta' ħajja itwal),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tiħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (COM(2021)0093),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2020 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (COM(2020)682),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) SOC/687-EESC-2021 tad-19 ta' Jannar 2022 bit-titolu "Lejn Mudell Ġdid ta' Kura għall-Anzjani: nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19",
- wara li kkunsidra l-Opinjoni SOC/535-KESE-2016 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tal-21 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu",
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-kura fit-tul tal-2021 imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) u l-Kummissjoni Ewropea (DG EMPL) dwar "Trends, challenges and opportunities in an ageing society" (Xeġriet, sfidi u opportunitajiet f'soċjetà li qiegħda tixjiej),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa u dwar l-appoġġ għas-saħħa mentali tal-ħaddiema tas-saħħa u ħaddiema essenzjali oħra tat-23 ta' Ġunju 2021,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO ST/8884-21 tal-

14 ta' Ġunju 2021 dwar l-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2018 dwar is-servizzi tal-kura fl-UE għal ugwaljanza aħjar bejn is-sessi¹⁰,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-perspettiva tal-ġeneru fil-kriżi tal-COVID-19 u fil-perjodu ta' wara l-kriżi¹¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri¹²,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulhadd¹³,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal¹⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal¹⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19¹⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-Ewropa fil-ġlieda kontra l-kanċer - lejn strateġija komprensiva u koordinata,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti¹⁷,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021 dwar kontinent xiħ li qed jixjieħ – possibbiltajiet u sfidi relatati mal-politika dwar it-tixjiħ wara l-2020,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021)0101),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea

¹⁰ ĠU C 363, 28.10.2020, p. 80.

¹¹ ĠU C 456, 10.11.2021, p. 191.

¹² ĠU C 456, 10.11.2021, p. 208.

¹³ ĠU C 456, 10.11.2021, p. 145.

¹⁴ ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4.

¹⁵ ĠU C 474, 24.11.2021, p. 146.

¹⁶ Testi adottati, P9_TA(2020)0205.

¹⁷ ĠU C 445, 29.10.2021, p. 75.

tad-Diżabilità wara l-2020¹⁸,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 Ġunju 2021 bit-titolu "Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 – Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel" (COM(2021)0323),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar qafas strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponent għal sustanzi ta' ħsara, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetitivi)¹⁹,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-ETUI/EPSU dwar it-Trasparenza fil-pagi u r-rwol tal-evalwazzjoni tax-xogħol newtrali għall-ġeneru u l-klassifikazzjoni tax-xogħol fis-servizzi pubbliċi,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom²⁰,
 - wara li kkunsidra l-attivitajiet tal-ELA, b'mod partikolari l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat,
 - wara li kkunsidra l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2021 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-fokus tematiku tiegħu fuq is-saħħa,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0189/2022),
- A. billi d-drittijiet soċjali huma parti mid-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet kostituzzjonali, id-drittijiet tan-nisa huma drittijiet tal-bniedem fundamentali, u billi l-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, il-QEDB u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jissottolinjaw li d-drittijiet tal-bniedem huma parti mill-istat tad-dritt; billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSC jistabbilixxi inizjattivi konkreti għall-implimentazzjoni ta' prinċipji li huma essenzjali għall-bini ta' Ewropa soċjali iktar b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti u l-irkupru, bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-indukrar u l-appoġġ lit-tfal, l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-kura fit-tul; billi l-espansjoni u t-tisħiħ tal-valur u tad-drittijiet tal-forza tax-xogħol tal-kura se jkun prerekwiżit għall-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi, inklużi dawk li jappartjenu speċifikament għaż-żewġ prinċipji 17 u 18; billi s-Semestru Ewropew u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għandhom jintużaw biex tissaħħa soċjetà aktar ġusta, ugwali, sostenibbli u reżiljenti; billi t-tgawdija tal-ogħla standard tas-saħħa li jista'

¹⁸ ĠU C 362, 8.9.2021, p. 8.

¹⁹ Testi adottati, P9_TA(2022)0068.

²⁰ ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1.

jinkiseb hija dritt fundamentali u għandu jiġi żgurat u implimentat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa permezz tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni; billi l-aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità huwa fattur deċiżiv fil-kwalità tal-ħajja bħala parti mill-istrateġija għall-kura u żieda fl-investimenti fis-settur;

- B. billi t-tfal jirrappreżentaw 18,3 % tal-popolazzjoni tal-UE²¹; billi fl-2020, kien hemm 47,5 % tal-unitajiet domestiċi fl-UE li kellhom mill-anqas wild wieħed u 14 % tal-unitajiet domestiċi kkonsistew fi tfal u ġenitur waħdu²², li l-maġġoranza tagħhom kienu nisa;
- C. billi l-maġġoranza kbira ta' dawk li jagħtu u jipprovdu l-kura formali jew informali, imħallsa u mhux imħallsa, huma nisa; billi r-responsabbiltajiet ta' kura fi ħdan il-familja jiffurmaw il-kapaċità, id-durata u t-tip ta' xogħol imħallas li n-nisa jistgħu jwettqu matul iċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom u b'hekk jinfluwenzaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika; billi l-istereotipi rigward in-nisa li huma persuni li jagħtu l-kura aħjar u l-perċezzjoni li x-xogħol domestiku u ta' kura mhux imħallas huwa "xogħol in-nisa" jsaħħu l-mudell tar-"r-raġel li jaqla' l-ħobża ta' kuljum - il-mara li tieħu ħsieb il-familja", li jkompli jsawwar l-aċċess għad-drittijiet soċjali u b'hekk iħalli impatt fuq l-indipendenza ekonomika tan-nisa; u l-kontribut għas-sottovalutazzjoni u l-inviżibbiltà ekonomika tal-kura, speċjalment il-kontribut ta' dawk li jieħdu ħsieb il-familja, kif ukoll is-sottovalutazzjoni ta' ħaddiema tal-kura f'istituzzjonijiet privati u pubbliċi;
- D. billi 80 % tal-kura fit-tul kollha fl-Ewropa hija pprovduta minn persuni li jindukraw b'mod informali²³, fil-biċċa l-kbira nisa, imċaħħda minn kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u ġeneralment mhux imħallsa u/jew mingħajr appoġġ soċjali, li jagħmel il-kura kwistjoni estremament ibbażata fuq il-ġeneru; billi l-għoti ta' kura informali huwa assoċjat ma' nuqqas ta' drittijiet bħal liv minħabba mard u liv annwali, kif ukoll il-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri u tnaqqis fir-rati ta' impjeg, żieda fir-rati tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, saħħa mentali mnaqqsa u aktar sentimenti ta' iżolament soċjali u solitudni, li għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa fiżika u mentali, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali tagħhom; billi l-kontribut tan-nisa fix-xogħol ta' kura mhux imħallas iżid madwar USD 11-il triljun²⁴ fl-ekonomija globali kull sena, li huwa ekwivalenti għal 9 % tal-PDG globali²⁵;
- E. billi 15,4 % taż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET) jinsabu f'din is-sitwazzjoni peress li qed jindukraw tfal jew adulti inkapaċitati jew għandhom responsabbiltajiet oħra tal-familja; billi 88 % ta' dawk in-NEETs huma nisa²⁶;
- F. billi huwa meħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-bnedmin kollha jiddependu fuq il-kura fi gradi differenti skont, fost l-oħrajn, l-età, l-istatus soċjoekonomiku, id-dotazzjoni fiżika u l-

²¹ Kummissjoni Ewropea (2021) Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

²² Eurostat (2020) Household composition statistics (Statistika tal-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi).

²³ Studju tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Indukrar Informali fl-Ewropa Nesploraw il-Formalizzazzjoni, id-Disponibbiltà u l-Kwalità, 2018.

²⁴ https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---dgreports/---dcomm/documents/publication/wcms_838653.pdf

²⁵

<https://www.unwomen.org/sites/default/files/Headquarters/Attachments/Sections/Library/Publications/2020/Policy-brief-COVID-19-and-the-care-economy-en.pdf>

²⁶ <https://www.eurofound.europa.eu/mt/topic/neets>

isfond personali mit-tfulija sal-età avvanzata; billi l-kura għandha tkun differenzjata mill-appoġġ għal persuni b'diżabilità jew b'kundizzjoni tas-saħħa; billi l-valur soċjetali u ekonomiku tax-xogħol ta' kura, kemm imħallas kif ukoll mhux imħallas, mhuwiex apprezzat u rikonossut u jeħtieġ li jiġi vvalutat mill-ġdid u jitqiegħed fil-qalba tal-politiki ekonomiċi; billi l-impatti soċjali, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ekonomiċi ta' dawk b'responsabbiltajiet ta' kura, għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-bidliet demografiċi;

- G. billi l-Istati Membri kollha u l-UE huma marbuta bil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD), inkluż l-Artikolu 19 tagħha li jiġu adottati miżuri effettivi u xierqa li jggarantixxu dritt ugwali tal-persuni kollha b'diżabilità li jgħixu b'mod indipendenti, li jipparteċipaw u li jkunu inklużi fil-komunità; billi l-aċċess ugwali u effettiv għal servizzi ta' kura u appoġġ ta' kwalità u bi prezz raġonevoli huwa prerekwiżit essenzjali għall-għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabilità, il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità u l-inklużjoni soċjali;
- H. billi l-kura tinkludi s-servizzi kollha li jappoġġjaw l-awtonomija u l-indipendenza ta' persuni li jkollhom bżonn il-kura, kif ukoll il-ħtiġijiet fiżiċi, psikoloġiċi, emozzjonali, soċjali, personali u domestiċi ta' individwi u gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; billi l-kura għandha tkun rikonossuta bħala dritt li jggarantixxi l-eżerċizzju ugwali tad-drittijiet, id-dinjità, l-awtonomija, l-inklużjoni u l-benesseri tal-persuni li jkollhom bżonn il-kura; billi l-Unjoni Ewropea tista' tikkomplementa u tappoġġja l-azzjoni tal-Istati Membri fit-titjib tas-servizzi tal-kura, għal dawk li huma indukrati u għal dawk li jindukraw;
- I. billi xogħol ta' kura jfisser varjetà ta' servizzi mwettqa minn individwi, familji, komunitajiet, fornituri ta' servizzi mħallsa, organizzazzjonijiet pubbliċi u istituzzjonijiet tal-Istat f'tipi differenti ta' ambjenti, li jvarjaw minn istituzzjonijiet għal unitajiet domestiċi privati;
- J. billi l-Kummissjoni tiddefinixxi s-servizzi personali u domestiċi (PHS) bħala firxa wiesgħa ta' attivitajiet li jikkontribwixxu għall-benesseri fid-djar tal-familji u tal-individwi, inklużi l-indukrar tat-tfal, il-kura fit-tul u għall-persuni b'diżabilità, il-faċendi, il-klassijiet ta' rimedju, it-tiswijiet fid-dar, il-ġardinaġġ, l-appoġġ għall-ICT; billi l-PHS jinkludu servizzi ta' kura u ta' nuqqas ta' kura, diretti u indiretti; billi fil-livell globali, il-PHS huma normalment deskritti taħt it-terminu xogħol domestiku; billi l-inklużjoni tal-ħaddiema domestiċi fil-forza tax-xogħol ta' kura għalhekk tirrikonossu li l-provvista ta' kura tinkludi mhux biss il-kura personali, iżda wkoll l-kura indiretta mhux relazzjonali, li ttiprovdi l-prekundizzjonijiet meħtieġa għall-provvista ta' kura personali; billi s-servizzi personali u domestiċi, l-attivitajiet ta' kura u mhux ta' kura huma marbuta ħafna ma' proporzjon kbir ta' ħaddiema li jagħmlu t-tnejn u għalhekk jappartjenu għall-forza tax-xogħol tal-kura;
- K. billi l-aċċess għall-kura ta' kwalità u l-ħolqien ta' ambjenti li jinkoraġġixxu t-tixjiħ huma essenzjali għal ħajja aktar twila, f'saħħitha u attiva; billi n-numru ta' persuni fl-UE li jeħtieġu l-kura fit-tul huwa mbassar li jiżdied minn 30,8 miljun fl-2019 għal 38,1 miljun fl-2050²⁷; billi diversi Stati Membri diġà qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kura fit-tul li jirriskja li jiżdied hekk kif tiżdied id-domanda għall-kura fit-tul, u billi

²⁷ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (2021) Rapport tal-2021 dwar il-kura fit-tul.

dan jeħtieġ investimenti fil-forza tax-xogħol u l-kundizzjonijiet deċenti tal-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom;

- L. billi l-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat ir-rwol ewlieni li għandhom il-ħaddiema fis-servizzi personali u domestiċi fis-soċjetajiet tagħna, turi l-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat rikonoxximent sħiħ għal dawn il-ħaddiema fl-Istati Membri kollha flimkien mad-drittijiet ta' negozjar kollettiv, is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali; billi minħabba n-nuqqas persistenti ta' rikonoxximent xieraq ta' dawn il-ħaddiema f'diversi Stati Membri, ħafna minnhom tilfu l-impjeg tagħhom waqt il-pandemija tal-COVID-19 mingħajr ma setgħu jibbenefikaw mill-kumpens tal-pagi mill-Istat u mill-iskemi taż-żamma tal-impjegi; billi l-pandemija rriżultat fit-telf tal-akkomodazzjoni għal ħafna ħaddiema fis-servizzi personali u domestiċi, kif ukoll esponiethom għal vjolenza u fastidju fuq ix-xogħol;
- M. billi minkejja l-fatt li matul il-ħajja, kull individwu mill-inqas darba jassumi r-rwoli ta' persuna li tindokra u ta' riċevitur tal-kura, hemm stigma u stereotipi rigward l-interdipendenza, id-diżabilità fiżika jew mentali, il-mard u l-fraġilità u l-ħtieġa ta' kura u appoġġ li jinteraġixxu ma' raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, fuq kollox il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, id-diżabilità, in-nazzjonalità, il-kultur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, kif ukoll soċjoekonomiċi jew immigranti u sfondi żvantaġġati oħra, li jaggravaw ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali;
- N. billi l-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ bi 19 % taċ-ċittadini tal-UE li kellhom 65 sena jew aktar fl-2018²⁸; billi d-diskriminazzjoni abbażi tal-età u l-bżonnijiet ta' kura mhux issodisfati, mhux osservabbli u li mhumiex rikonoxxuti għandhom problema persistenti fil-kura fl-Ewropa; billi n-numru ta' persuni li jiddependu mill-assistenza ta' oħrajn jew li għandhom ħtiġijiet ta' saħħa u kura fit-tul jiżdied mal-età;
- O. billi l-mard reumatiku u muskuloskeletal (RMDs) huwa fost l-aktar mard prevalenti, li jikkawża diżabilità u mhux komunikabbli li huwa ta' piż, jolqot lil aktar minn 100 miljun Ewropew, u jammonta għal aktar minn 50 fil-mija ta' Snin Mgħajxa b'Diżabilità (YLDs) fl-Ewropa; billi minħabba l-prevalenza tagħhom, il-konsegwenzi li jwasslu għad-diżabilità u rabtiet ma' inċidenza għolja ta' komorbiditajiet, il-persuni bl-RMDs huma sors sinifikanti għad-domanda għal kura formali u informali fit-tul fl-Ewropa;
- P. billi ħafna ħaddiema tal-kura u dawk domestiċi għandhom sfond ta' minoranza etnika jew huma migranti²⁹ li qed jiffaċċjaw sitwazzjoni prekarja ħafna u qed jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali minħabba r-razza jew l-etniċità, il-ġeneru, l-istatus soċjoekonomiku u n-nazzjonalità tagħhom u jipprovdu xogħol tal-kura residenzjali ħafna drabi b'siġħat illimitati, bi ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol fl-ekonomija formali u informali; billi dawn il-ħaddiema huma fil-biċċa l-kbira nisa li m'għandhomx kuntratt ta' impjeg uffiċjali, huma għalhekk aktar vulnerabbli għall-isfruttament u spiss ma jkollhomx aċċess għad-drittijiet tagħhom b'mod partikolari għal

²⁸ Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Demographic Outlook of the European Union (Prospettiva Demografika tal-Unjoni Ewropea), Marzu 2020, p. 3.

²⁹ Il-konstruzzjoni soċjali ta' xogħol ta' kura tal-migranti. Fl-intersezzjoni tal-kura, il-migrazzjoni u l-ġeneru/Amelita King-Dejardin; L-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol – Ġinevra: ILO, 2019

xogħol deċenti u protezzjoni soċjali;

- Q. billi hemm nuqqas ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, aċċessibbli, disponibbli u affordabbli fl-Istati Membri kollha, inkluż fir-reġjuni rurali affettwati b'mod speċjali mit-tixjiħ tal-popolazzjoni; billi l-monitoraġġ tal-kura formali u informali u l-forma u l-mezzi tas-servizzi tal-kura eżistenti huma mxekkla min-nuqqas ta' data, inkluża data diżaggregata, in-nuqqas ta' indikaturi tal-kwalità, bħall-Istħarriġiet Ewropej dwar l-Użu tal-Ħin (ETUS) tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi pprovduti, il-pjanijiet direzzjonali ta' implimentazzjoni, in-nuqqas ta' għarfien fost il-fornituri tal-kura tas-saħħa dwar mard temporanju li jwassal għal diżabilità;
- R. billi wieħed mill-aktar drittijiet fundamentali rigward il-kura u l-appoġġ huwa d-dritt li wieħed jagħżel it-tip u l-post tas-servizz; billi d-dritt li wieħed jagħżel it-tip ta' kura tiegħu huwa spiss imminat mid-disponibbiltà insuffiċjenti ta' appoġġ fid-dar u assistenza personali; billi l-assistenza personali hija rarament appoġġjata biżżejjed mill-Istati Membri u tibqa' mhux aċċessibbli għal ħafna; billi madwar 75 % tal-anzjani li jeħtieġu kura fit-tul jirrapportaw li jsibu lilhom infushom taħt il-limitu tar-riskju tal-faqar jekk ikollhom jixtru servizzi ta' kura fid-dar bil-prezz sħiħ tas-suq³⁰; billi anke fil-maġġoranza tal-pajjiżi l-aktar żviluppatti mill-aspett ekonomiku, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jkopru inqas minn 40 % tal-ispejjeż totali tal-kura fit-tul għall-persuni bi ħtiġijiet moderati³¹; billi l-Istati Membri jridu jiżguraw l-għoti ta' servizzi ta' kura ta' kwalità u ffinanzjati b'mod adegwat u li jiffunzjonaw, sistemi ta' protezzjoni soċjali u integrazzjoni aħjar ta' kura fit-tul ta' kwalità fihom li hija ta' importanza kruċjali għat-titjib tal-ġustizzja soċjali u se tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- S. billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat u għamlet aktar viżibbli l-inugwaljanzi u l-isfidi eżistenti li juru l-ħafna problemi strutturali, stabbiliti fis-sistema tal-kura soċjali tal-Ewropa, jiġifieri bħal faċilitajiet tal-kura u sistemi tal-kura tas-saħħa b'nuqqas ta' riżorsi jew nuqqas ta' investment; f'termini ta' aċċess għall-kura formali u s-servizzi domestiċi, inkluż għal trattament mediku f'waqtu, affordabbli u ta' kwalità għolja, u enfażizza l-kriżijiet preeżistenti fis-settur tal-kura minħabba żieda qawwija fl-ammont ta' xogħol fis-settur, nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura, sistemi tal-kura tas-saħħa mhux iffinanzjati biżżejjed, taħt pressjoni, dipendenza żejda fuq kura informali mhux imħallsa jew xogħol mhux iddikjarat; billi dawn iwasslu għal żieda fir-riskji psikosoċjali ffaċċjati mill-persuni li jindukraw li jibqgħu fis-settur, li fil-biċċa l-kbira huma nisa; billi l-isfidi tal-pandemija rriżultaw fis-solitudni u l-iżolament soċjali u żieda r-riskju ta' abbużi, negliġenza, saħħa fiżika u mentali deterjorata ta' persuni li jkollhom bżonn il-kura, u l-benesseri ġenerali tal-ġenerazzjonijiet kollha fl-UE kollha, b'mod partikolari fejn il-livelli ta' investment fil-kura ta' qabel il-pandemija kienu aktar baxxi³²; billi dawn l-effetti fit-tul fuq is-saħħa u l-benesseri tal-individwi kif ukoll il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi għad iridu jiġu vvalutati u integrati bis-sħiħ fl-oqsma

³⁰ Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea (2021) Long-term care report (Rapport ta' kura fit-tul).

³¹ OECD (2020) The effectiveness of social protection for long-term care in old age: Is social protection reducing the risk of poverty associated with care needs? (L-effettività tal-protezzjoni soċjali għal kura fit-tul fix-xjuħija: Il-protezzjoni soċjali qed tnaqqas ir-riskju tal-faqar assoċjat mal-bżonnijiet tal-kura?)

³² Studju tal-Parlament Ewropew (2021) Ageing policies - aċċess to services in different Member States (Politiki dwar it-tixjiħ - aċċess għas-servizzi fi Stati Membri differenti).

ta' politika rilevanti;

- T. billi l-ħtiġijiet tal-persuni li jindukraw b'mod informali mhumiex issodisfati fl-Ewropa u l-pandemija tal-COVID-19 xeħtet dawl fuq id-diffikultajiet tal-persuni li jindukraw b'mod informali u tal-persuni li jirċievu kura informali u żvelat id-dipendenza sproporzjonata fuq in-nisa u l-bniet³³; billi n-nuqqas ta' rikonossiment tal-ħaddiema tas-servizzi personali u domestiċi u/jew il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus tal-impjieg tagħhom fisser li ħafna li tilfu l-impjieg matul il-pandemija tal-COVID-19 ma setgħux jaċċessaw miżuri ta' protezzjoni soċjali;
- U. billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri, speċjalment f'termini ta' żieda fix-xogħol ta' kura mhux imħallas u l-iżbilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u rriżultat f'piż doppju għal ħafna nisa, li kellhom xiftijiet itwal fuq il-post tax-xogħol u kura informali addizzjonali d-dar; billi qabel il-pandemija tal-COVID-19³⁴, 37,5 % tan-nisa fl-UE kienu jieħdu ħsieb it-tfal, l-anzjani jew il-persuni b'diżabilità kuljum, meta mqabbel mal-24,7 % tal-irġiel; billi l-pandemija żiedet bħala medja l-ammont ta' xogħol mhux imħallas fil-ġimgħa għan-nisa bi 13-il siegħa ohra³⁵; billi n-nisa li jaħdmu mid-dar, part-time jew li huma qiegħda ffaċċjaw pressjoni akbar, peress li komplew iwettqu l-maġġoranza tar-responsabbiltajiet ta' kura tal-familja u x-xogħol domestiku³⁶; billi l-effetti kollha tal-pandemija tal-COVID-19 għadhom mhumiex magħrufa għalkollox u l-impatt soċjoekonomiku tagħha fuq in-nisa se jkompli;
- V. billi skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa sa nofs l-imwiet tal-COVID-19 fl-Ewropa kienu ta' residenti f'faċilitajiet ta' kura fit-tul³⁷; billi aktar minn 70 % tal-ħaddiema soċjali u tas-saħħa li kienu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-COVID-19 kienu nisa, li ħafna minnhom iffaċċjaw l-effetti kif ukoll l-effetti fit-tul tal-infezzjoni tal-COVID-19, ġew iżolati, u esperjenzaw livelli bla preċedent ta' stress, ansjetà, depressjoni, suwiċidji u saħansitra disturb minn stress postrawmatiku; billi, fl-2021, 30 % tal-infermiera kienu qed jitolqu mill-professjoni fl-UE³⁸; billi rati għoljin ta' inċidenza u mortalità minħabba l-COVID-19 f'faċilitajiet ta' kura fit-tul, inkluż minn nuqqas ta' aċċess għal tagħmir protettiv, ittestjar u trattament mediku, enfasizzaw id-dgħufijiet sistemiċi relatati ma' tranżizzjoni bil-mod wisq minn kura istituzzjonali għal servizzi ta' kura bbażati fil-familja u fil-komunità, nuqqas ta' persunal li jirriżulta minn diffikultajiet biex jiġu attirati u miżmuma l-impjegati, impjieggi u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, nuqqas ta' opportunitajiet ta' żvilupp ta' karriera għall-ħaddiema fis-settur tal-kura, diffikultajiet għall-persuni li jindukraw fuq livell transfruntier, kif ukoll

³³ Forum Ekonomiku Dinji: Il-COVID-19 tenfasizza kif l-għoti ta' kura tħeġġeġ l-inugwaljanza bejn il-ġeneri - <https://www.weforum.org/agenda/2020/04/covid-19-highlights-how-caregiving-fuels-gender-inequality/>

³⁴ 2019

³⁵ <https://eige.europa.eu/about-eige/director-speeches/beyond-beijing-declaration-assessment-and-main-challenges>

³⁶ <https://data.unwomen.org/features/covid-19-pandemic-has-increased-care-burden-how-much-0>
<https://www.unwomen.org/en/digital-library/publications/2020/04/policy-brief-the-impact-of-covid-19-on-women>

³⁷ Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-COVID-19 fis-servizzi tal-kura fit-tul: Nota ta' politika, WHO, 24 ta' Lulju 2020; Data ta' sorveljanza minn rapporti nazzjonali pubbliċi online dwar il-COVID-19 f'faċilitajiet ta' kura fit-tul, ECDC, 2022 (<https://www.ecdc.europa.eu/en/all-topics-z/coronavirus/threats-and-outbreaks/covid-19/prevention-and-control/LTCF-data>)

³⁸ <http://www.efnweb.be/wp-content/uploads/EFN-MHE-Joint-Statement-October-2021.pdf>

in-nuqqas ta' appoġġ u aċċess għas-sigurtà soċjali għal persuni li jindukraw b'mod informali;

- W. billi minbarra l-bżonnijiet mediċi mhux issodisfati, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt drammatikament negattiv fuq l-aċċess għall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u servizzi deċenti li huma essenzjali għall-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal, li jiġġeneraw piż addizzjonali fid-dmirijiet tal-kura u l-edukazzjoni għall-ġenituri kollha, fuq kollox in-nisa u l-ġenituri waħedhom³⁹; billi l-evidenza empirika tikkonferma li t-tnaqqis tas-servizzi tal-kura u żieda fix-xogħol tal-kura mhux imħallas imwettqa min-nisa matul il-pandemija tal-COVID-19 reġa' stabbilixxa u saħħaħ id-differenzi bejn il-ġeneri;
- X. billi l-provvista ta' kura ta' kwalità tiddependi fuq l-eżistenza ta' forza tax-xogħol kbira biżżejjed, imħarrġa sew, motivata u speċjalizzata, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u deċenti permezz ta' djalogu soċjali u negozjar kollettiv, pagi adegwati u ġusti, kif ukoll servizzi integrati u finanzjamenti pubbliċi adegwati; billi s-settur tal-kura ilu jiffaċċja nuqqas fil-forza tax-xogħol u fis-snin 2019-2020, 421 000 impjegat telqu s-settur tal-kura residenzjali⁴⁰; billi x-xogħol tal-kura ta' kwalità huwa xogħol ta' ħila, li jirrikjedi taħriġ u esperjenza u d-domanda għall-persuni li jindukraw ta' ħila se tiżdied biss fis-snin li ġejjin; billi l-impjeg u t-taħriġ kontinwu fuq il-post tax-xogħol permezz tal-professionalizzazzjoni tas-settur jistgħu jikkontribwixxu għal kwalità akbar tal-provvista ta' servizzi tal-kura; billi f'kuntest ta' perkorsi ta' kura itwal u l-evoluzzjoni tal-prattiki u t-teknoloġiji, il-persuni li jindukraw qed jakkumulaw kompetenza li għandha tiġi rikonoxxuta; billi d-Direttiva dwar id-Drittijiet Miksuba (2001/23/KE) trid tiġi applikata kull meta l-kuntratti tal-impjegati jiġu ttrasferiti lil fornitur tal-kura li jikseb;
- Y. billi fl-Unjoni Ewropea mill-anqas 3,1 miljun impjegat tas-servizz personali u domestiku huma impjegati mhux iddikjarati, mingħajr rikonoxximent u drittijiet fundamentali tal-ħaddiema bħal negozjar kollettiv, sigurtà soċjali u protezzjoni soċjali⁴¹; billi x-xogħol mhux iddikjarat iwassal għal protezzjoni aktar baxxa għall-ħaddiema, jiffaċilita l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema, filwaqt li jirrappreżenta wkoll telf ta' introjtu għall-Istati Membri; billi l-kundizzjonijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dokumenti li jaħdmu fis-settur tal-kura, huma partikolarment ta' sfida, f'termini tad-drittijiet soċjali tagħhom u l-aċċess għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;
- Z. billi l-Pjattaforma Ewropea kontra x-xogħol mhux iddikjarat ġiet ittrasformata fi grupp ta' ħidma permanenti tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), bil-għan li tiżdied il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat;
- AA. billi l-istudji juru li iżjed minn 90 % tal-anzjani jixtiequ jgħixu fi djarhom stess f'età avvanzata; madankollu 20 % biss iqattgħu l-aħħar snin ta' ħajjithom fl-akkomodazzjoni

³⁹ Ara Eurofound (2021), Education, healthcare and housing: How aċċess changed for children and families in 2020 (Edukazzjoni, kura tas-saħħa u akkomodazzjoni: Kif inbidel l-aċċess għat-tfal u l-familji fl-2020).

⁴⁰ https://www.epsu.org/sites/default/files/article/files/Resilience_of%20the%20LTC%20sector_V3.pdf

⁴¹ <https://effat.org/in-the-spotlight/european-alliance-calls-on-eu-governments-to-ratify-convention-on-domestic-workers/#:~:text=Among%20them%2C%206.3%20million%20are,workers%20in%20their%20respective%20country>

privata tagħhom u ħafna minnhom jgħixu f'faċilitajiet ta' kura istituzzjonali⁴²; billi hemm nuqqas ta' servizzi ta' kura li huma mfassla apposta għall-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-individwu; billi dan jirrikjedi li⁴³ l-istrutturi tal-kura jinbidlu minn istituzzjonijiet ċentralizzati għal kura ffukata fuq il-pazjent, tal-familja u bbażata fil-komunità biex jappoġġjaw aħjar l-awtonomija tal-persuni li jkollhom bżonn il-kura u appoġġ, iġibu benefiċċji ekonomiċi u soċjali tanġibbli u jżidu l-livell ta' benesseri ta' dawk li jirċievu l-kura; billi l-kura residenzjali spiss tonqos milli tilħaq l-istandards dwar l-appoġġ għall-indipendenza tal-persuni li jużaw dawn is-servizzi, u hija spiss assoċjata ma' tmiem il-ħajja ta' individwu, aktar milli post biex wieħed jgħix bid-dinjità, jirnexxi, u jkompli jipparteċipa fil-ħajja soċjali u kulturali; billi dik il-bidla kienet ineżistenti jew bil-mod wisq u nieqsa mir-riżorsi u jeħtieġ li tqis il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet differenti tal-komunitajiet, bħal f'termini ta' introjtu u inugwaljanzi oħra; billi l-Istati Membri għandhom jinvestu f'din id-direzzjoni;

- AB. billi huwa importanti li ssir aktar riċerka dwar l-abbuż fl-ambjenti kollha tal-kura, biex tinforma dwar il-fatturi li jwasslu għal dawn il-prattiki, jiġu promossi l-għarfien, it-taħriġ, l-iskoperta, u l-ġlieda kontra l-abbuż għall-professjonijiet kollha involuti fil-kura, u jinħolqu pjattaformi pubbliċi għar-rappurtar ta' Prattiki bħal dawn;
- AC. billi s-suq tax-xogħol għandu t-tendenza li jkun segregat skont il-ġeneru u jissottovaluta s-setturi li fihom in-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-forza tax-xogħol; billi fl-2020, il-qliġh gross fis-sieġha tan-nisa fl-UE kien bħala medja 13,0 % inqas minn dak tal-irġiel⁴⁴;
- AD. billi l-kura spiss tibqa' sottovalutata, tingħata ftit rikonossiment, kumpens finanzjarju insuffiċjenti u ħafna drabi l-ebda kumpens għall-persuni li jindukraw b'mod informali; billi s-sottovalutazzjoni f'termini ta' kundizzjonijiet ta' ħlas u ta' xogħol kif ukoll in-nuqqas ta' viżibbiltà tax-xogħol ta' kura u domestiku huma marbuta mill-qrib ma' rwoli u normi tal-ġeneru prevalenti tan-nisa bħala indoktraturi u l-irġiel bħala li jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum u ma' ċirku vizzjuż ta' "żvalutazzjoni doppja", fejn il-kura spiss hija relegata għall-gruppi tas-soċjetà l-aktar bla setgħa minħabba n-nuqqas ta' valur tagħha u, konsegwentement, l-attività tal-kura tiżvaluta ruħha peress li titwettaq mill-aktar gruppi bla setgħa u minħabba l-fatt li l-kura fid-djar u servizzi ta' kura personali u domestiċi oħrajn huma pprovduti wara bibien magħluqa;
- AE. billi l-femminizzazzjoni tas-settur tal-kura tikkontribwixxi għad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, fil-pagi u d-diskrepanza fil-pensjonijiet minħabba l-proporzjon ta' nisa li jaħdmu fil-kura formali u informali u tista' twassal għal riskju akbar ta' faqar kif ukoll taxxi mnaqqsa mħallsa lil Stati Membri, b'telf annwali ta' EUR 370 biljun tal-PGD għall-Ewropa⁴⁵;
- AF. billi n-nisa u l-migranti, b'mod partikolari l-ħaddiema mobbli tal-UE u mhux tal-UE, jiddominaw fis-settur tal-kura, in-nisa jirrappreżentaw 76 % ta' 49 miljun ħaddiem tal-

⁴² L-Istitut Ewropew għall-Mobbiltà tal-Ħaddiema (<https://www.mobilelabour.eu/>)

⁴³ Studju tal-Kummissjoni Ewropea dwar L-isfidi fil-kura fit-tul fl-Ewropa 2018

⁴⁴ https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Gender_pay_gap_statistics

⁴⁵ https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/gender-equality/women-labour-market-work-life-balance/womens-situation-labour-market_en

kura ddokumentat fl-UE⁴⁶ u aktar minn 85 % f'kura mhux imħallsa fl-Istati Membri kollha meta jitqies l-involvement kemm ta' kuljum kif ukoll ta' kull ġimgħa⁴⁷;

- AG. billi 6,3 miljun professjonist jaħdmu fil-kura fit-tul, li fosthom in-nisa (81 %) huma rappreżentati żżejjed u hemm għadd dejjem akbar ta' ħaddiema li għandhom 50 sena jew aktar, ħaddiema part-time, prekarji u tal-pjattaformi, kif ukoll ħaddiema migranti, informali u mobbli, inklużi l-persuni li jindukraw li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu, (8 % tal-ħaddiema fis-settur tal-kura mhumiex nattivi); billi fl-2020 il-ħaddiema migranti u mobbli rrappreżentaw 28 % tal-persuni tal-kura personali⁴⁸; billi d-defiċits tal-kura f'xi reġjuni tal-UE huma aggravati minn dan l-"eżodu tal-kura" u l-fenomeni tal-ktajjen tal-kura globali; billi dan jagħmilha impossibbli li l-kura tiġi kkunsidrata tul il-fruntieri nazzjonali biss; billi għad hemm ostakli li jfixklu l-provvista ħielsa tas-servizzi ta' kura fl-UE; billi dawn il-ħaddiema huma essenzjali għas-soċjetajiet tagħna kemm f'termini ta' saħħa pubblika kif ukoll ta' inklużjoni soċjali għall-persuni li għandhom bżonn il-kura li kultant jiġu iżolati;
- AH. billi fl-Istati Membri kollha, il-paga fis-settur tax-xogħol tal-kura u dak domestiku hija ferm anqas mill-paga medja u anqas mill-paga li l-ħaddiema jaqilgħu għall-istess xogħol f'setturi oħra, speċjalment fil-kura tas-saħħa⁴⁹; billi dan huwa dovut għal xogħol informali, kopertura iktar baxxa ta' negozjar kollettiv f'dawk is-setturi kif ukoll is-sottovalutazzjoni ta' setturi primarjament femminili, bħal dak tal-kura; billi l-impjegati li jaħdmu fis-setturi għall-profitt u mhux għall-profitt spiss ma jkollhomx aċċess għal rappreżentanza tal-ħaddiema jew negozjar kollettiv; billi d-differenza fir-rigward tal-paga medja hija l-anqas fl-Istati Membri bi ftehimiet kollettivi għal partijiet mis-settur⁵⁰; billi r-rappreżentanza tal-ħaddiema, inklużi t-trade unions, u n-negozjar kollettiv huma kritiċi biex jirrappreżentaw u jiddefendu d-drittijiet u l-interessi tal-ħaddiema fl-ambjenti kollha tal-kura, kif ukoll biex jgħollu u jżommu l-istandards fis-settur tal-kura;
- AI. billi l-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat diversi sfidi rigward it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema tal-kura fit-tul; billi l-persuni li jindukraw fit-tul kienu f'riskju saħansitra akbar li jiġu infettati bil-COVID-19 mill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa fl-isptarijiet minħabba nuqqas ta' tagħmir protettiv personali u taħriġ xieraq biex jiġu implimentati protokollu ta' infezzjoni u attivitajiet preventivi oħra;
- AJ. billi minkejja li hija emozzjonalment sodisfaċenti għall-maġġoranza kbira tal-persuni li jindukraw, il-kura spiss tiġġenera effetti negattivi fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-persuni li jindukraw u diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tal-kura ma' xogħol imħallas, li huma partikolarment sinifikanti fil-każ tal-persuni li jindukraw nisa⁵¹; billi s-saħħa mentali tal-persuni li jindukraw b'mod informali u formali ġiet affettwata b'mod

⁴⁶ Studju tal-Parlament Ewropew (2021) Gender equality: Economic value of care from the perspective of the applicable EU funds (Ugwaljanzi bejn il-Ġeneri: Valur ekonomiku tal-kura mill-perspettiva tal-fondi applikabbli tal-UE).

⁴⁷ EIGE, Rapport tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing 2020, 2021

⁴⁸ Rapport Eurofound (2020) Long-term care workforce: Employment and working conditions (Forza tax-xogħol tal-kura fit-tul: Impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol).

⁴⁹ Rapport Eurofound (2020) Long-term care workforce: Employment and working conditions (Forza tax-xogħol tal-kura fit-tul: Impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol).

⁵⁰ Rapport Eurofound (2020) Long-term care workforce: Employment and working conditions (Forza tax-xogħol tal-kura fit-tul: Impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol).

⁵¹ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (2021) Rapport tal-2021 dwar il-kura fit-tul.

sproporzjonat matul il-pandemiji tal-COVID-19; billi l-problemi mentali żdiedu matul il-pandemija filwaqt li żiedu l-piż tal-kura; billi x-xogħol tal-kura huwa spiss assoċjat ma' xogħol bix-xiftijiet, fi żmien qasir u b'siġhat twal ta' xogħol; billi r-riskji għas-saħħa u l-kwalità batuta tal-ħin tax-xogħol huma l-kawżi ewlenin ta' assenteiżmu relattivament għoli fis-settur tal-kura fit-tul; billi 38 % tal-professjonisti fil-kura jemmnu li minħabba l-effetti ħżiena tax-xogħol tagħhom ma jkunux jistgħu jkomplu wara li jagħlqu s-60 sena⁵²;

- AK. billi fl-Ewropa, 33 % tal-persuni li jindukraw fit-tul ġew esposti għal xi tip ta' mġiba soċjali negattiv (inkluż abbuż verbali, theddid u mġiba umiljanti) u 22 % biss tal-persuni li jindukraw fit-tul iħossuhom issodisfati ħafna bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom⁵³;
- AL. billi hemm diversi forom ta' impjieg tal-persuni li jindukraw li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu bħal permezz ta' kumpaniji tal-kura jew aġenziji ta' impjieg temporanju u intermedjarji;
- AM. billi n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-persuni li jirċievu l-kura u 44 miljun persuna fl-UE jipprovdu kura informali fit-tul lil membri tal-familja, ġirien jew hbieb⁵⁴, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma nisa, u 12 % tan-nisa u 7 % tal-irġiel li jipprovdu kura informali fit-tul jagħmlu dan għal aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa⁵⁵; billi kważi 30 % tal-persuni b'aktar minn 65 sena qed jgħixu b'żewġ mardiet jew aktar mhux komunikabli (NCDs); billi l-NCDs għandhom piż sostanzjali u li qed jikber fuq il-pazjenti, il-persuni li jindukraw, is-soċjetajiet u s-sistemi tas-saħħa;
- AN. billi l-għadd kbir ta' riċevituri tal-kura li jeħtieġu l-kura informali huma direttament marbuta man-nuqqas ta' disponibbiltà, l-inaċċessibbiltà u n-nuqqas ta' affordabbiltà ta' servizzi professjonali ta' kwalità aġġustati għall-ħtiġijiet tagħhom kif ukoll l-għażla awtomatika ta' ħafna Stati Membri tal-UE ta' kura informali mhux imħallsa bħala s-sors ewlieni ta' provvista ta' kura⁵⁶; billi l-provvista ta' kura informali għandha tkun kwistjoni ta' għażla u mhux neċessità minħabba n-nuqqas ta' servizzi ta' kura disponibbli;
- AO. billi sehem sinifikanti tas-settur tal-kura formali li fih l-impjegati jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu jopera f'żona griża li jaffettwa ħażin il-kwalità tal-kura fid-djar; billi hemm nuqqas ta' data li tippermetti li tidentifika preċiżament in-numru tal-persuni li jindukraw f'żona griża;
- AP. billi n-nisa fl-UE iwettqu 13-il siegħa iktar ta' xogħol ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallsa fil-ġimgħa mill-irġiel⁵⁷; billi l-aċċess għal servizzi ta' kura fit-tul formali bi

⁵² Studju tal-Parlament Ewropew (2021) Policies for long-term carers (Politiki għall-persuni li jindukraw fit-tul).

⁵³ Eurofound, Long-term care workforce: Employment and working conditions (Il-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura fit-tul: L-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020b

⁵⁴ Rapport Eurofound (2020) Long-term care workforce: Employment and working conditions (Forza tax-xogħol tal-kura fit-tul: Impjegi u kundizzjonijiet tax-xogħol).

⁵⁵ Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kura fit-tul
<https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=24079&langId=en>

⁵⁶ Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kura fit-tul
<https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=24079&langId=en>

⁵⁷ Rapport tal-EIGE, 2020: Gender inequalities in care and consequences for the labour market" (L-inugwaljanzi

prezz raġonevoli u ta' kwalità għall-membri tal-familja dipendenti u d-distribuzzjoni mhux ugwali bejn l-irġiel u n-nisa ta' xogħol tal-kura u xogħol domestiku mhux imħallsa jippreżentaw fatturi kruċjali fid-determinazzjoni ta' jekk in-nisa jidhrlux u jibqgħu fl-impjieg u l-kwalità tax-xogħlijiet li għandhom; billi 7,7 miljun mara fl-UE jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol minħabba r-responsabbiltajiet ta' kura informali, meta mqabbla ma' 450 000 raġel, u 29 % tan-nisa impjegati part-time jirreferu għad-dmirijiet ta' kura bħala r-raġuni ewlenija biex wieħed jaħdem xogħol part-time⁵⁸; billi 6 % biss tal-irġiel jgħidu li r-raġuni prinċipali għalfejn jaħdmu part-time hija minħabba responsabbiltajiet ta' kura, meta mqabbla mad-29 % tan-nisa u 64 % biss tal-missirijiet fl-UE jipprovdu kura fuq bażi ta' kuljum⁵⁹;

- AQ. billi n-nisa jesperjenzaw ukoll aktar interruzzjonijiet fil-karriera, għandhom it-tendenza li jaħdmu sigħat iqsar u huma aktar probabbli li jkunu f'impjieg part-time, prekarju jew temporanju; billi s-segregazzjoni settorjali, id-distribuzzjoni mhux ugwali tal-kura u tax-xogħol domestiku mhux imħallsa jirrappreżentaw il-kawżi ewlenin tad-differenza persistenti fl-impjiegi u l-pagi u d-distakk fil-pensjonijiet, kif ukoll ir-riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali fost in-nisa; billi l-medja tad-differenza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri hija ta' 27 % fl-2020⁶⁰; billi distribuzzjoni ugwali tax-xogħol tal-kura u xogħol domestiku imħallsa, jiġifieri involviment ugwali tal-irġiel, għandha impatt pożittiv ċar fuq il-proporzjon tan-nisa f'impjieg imħallas u tnaqqis tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi; billi r-responsabbiltajiet tal-indurkar tat-tfal huma kawża ta' bidla fl-impjieg għal 60 % tan-nisa meta mqabbel mas-17 % tal-irġiel impjegati u jwasslu għal tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol għal 18 % tan-nisa impjegati u mill-inqas 3 % tal-irġiel⁶¹; billi d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-prezz raġonevoli tal-faċilitajiet ta' indurkar tat-tfal ta' kwalità għolja huma essenzjali biex jippermettu lill-persuni speċjalment in-nisa b'responsabbiltajiet ta' kura jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol; billi l-isfidi tas-saħħa pubblika bħall-emikranja huma iżjed komuni fost in-nisa⁶² u l-bieċa l-kbira tan-nisa affettwati għandhom fl-ewwel linja tal-indurkar tat-tfal u x-xogħol tad-dar;
- AR. billi dawn id-diskrepanzi huma kkonfermati fil-livell globali bin-nisa jiddedikaw fuq medja 3,2 darbiet aktar (201 jum tax-xogħol fis-sena) ħin mill-irġiel (63 jum tax-xogħol) għal xogħol tal-kura mħallas u huma l-aktar evidenti fil-każ ta' tfajliet u nisa li jgħixu f'pajjiżi b'introjtu medju, b'kisbiet edukattivi aktar baxxi, li jgħixu f'żoni rurali u bi tfal taħt l-età tal-iskola⁶³;
- AS. billi n-nisa huma rappreżentati b'mod notevoli fost il-ħaddiema essenzjali (4 mis-16-

bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol) <https://eige.europa.eu/publications/gender-inequalities-care-and-consequences-labour-market>

⁵⁸ Rapport EIGE (2010) Gender inequalities in care and consequences for the labour market (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol).

⁵⁹ Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), European Quality of Life Survey 2016 – Quality of life, quality of public services, and quality of society (Stħarriġ Ewropew tal-Kwalità tal-Ħajja 2016 - Kwalità tal-ħajja, kwalità tas-servizzi pubbliċi, u kwalità tas-soċjetà), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2018

⁶⁰ https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_pnp13{=en

⁶¹ Rapport EIGE (2021) Gender inequalities in care and consequences for the labour market (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol).

⁶² The Global Burden of Disease Study 2019 (L-istudju tal-2019 dwar il-Piż Globali tal-Mard): [https://www.thelancet.com/journals/lancet/issue/vol396no10258/PIIS0140-6736\(20\)X0042-0#](https://www.thelancet.com/journals/lancet/issue/vol396no10258/PIIS0140-6736(20)X0042-0#)

⁶³ ILO (2018) Care work and care jobs for the future of decent work (Ix-xogħol tal-kura u l-impjiegi ta' kura għall-futur ta' xogħol deċenti).

il kategorija professjonali meqjusa essenzjali għandhom aktar minn 50 % tan-nisa fil-forza tax-xogħol tagħhom fl-UE)⁶⁴, bħall-professjonisti tal-kura, li l-kompiti tagħhom fil-biċċa l-kbira ma jistgħux jitwettqu f'modalitajiet ta' telexogħol, u fis-setturi li ntaqtu bl-aktar mod qawwi mill-pandemija, u għalhekk ġew esposti għal riskji għolja ta' kontaġġu, ammonti kbar ta' xogħol, bilanċ imfixxkel bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u telf ta' impjieġ; billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien ġew imdgħajfa b'mod partikolari għan-nisa bit-tfal żgħar f'impjieġ imħallas⁶⁵;

- AT. billi l-kura tibqa' wieħed mill-oqsma ewlenin tar-riproduzzjoni tal-arketipi tal-ġeneru, li huma msaħħa aktar bin-nuqqas ta' investiment f'servizzi ta' kwalità u preġudizzji tal-ġeneru f'politiki oħra li jaffettwaw b'mod sproporzjonat l-awtodeterminazzjoni tan-nisa fil-ħajja soċjali u professjonali, bħas-sistema ta' benefiċċju tat-taxxa;
- AU. billi l-intrapriżi ekonomiċi soċjali jista' jkollhom potenzjal u kontribuzzjoni sinifikanti fil-faċilitazzjoni tar-riintegrazzjoni tal-persuni li jindukraw fis-suq tax-xogħol;
- AV. billi diversi Stati Membri u reġjuni fl-UE għadhom qed jonqsu milli jilhqnu l-għan li jipprovdu l-indukrar tat-tfal għal 90 % tat-tfal bejn l-età ta' tliet snin u l-età tal-iskola obbligatorja u għal 33 % tat-tfal ta' tliet snin jew inqas; billi n-nuqqas ta' infrastruttura suffiċjenti li toffri indukrar tat-tfal ta' kwalità u aċċessibbli għal kulħadd, speċjalment servizzi fit-tfulija bikrija, jaffettwa b'mod partikolari lit-tfal minn familji żvantaġġati, li jirrifletti f'rati ta' reġistrazzjoni taħt il-medja ta' tfal b'diżabilità, tfal mir-Rom u komunitajiet minoritarji oħra, tfal migranti, tfal li jgħixu fil-faqar u tfal minn gruppi żvantaġġati oħra, li kienu jibbenefikaw l-aktar mill-indukrar bikri tat-tfal⁶⁶;
- AW. billi fl-2020, 24,2 % tat-tfal fl-UE – kważi 18-il miljun – kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; billi t-tfal li ġejjin minn familji b'introjtu baxx, it-tfal mingħajr dar, it-tfal b'diżabilità, it-tfal bi sfond ta' migrazzjoni, it-tfal bi sfond etniku minoritarju, b'mod partikolari t-tfal Rom, it-tfal li jinsabu f'kura istituzzjonali, it-tfal f'sitwazzjonijiet prekarji ta' familja, il-familji b'ġenitur wieħed, il-familji LGBTIQ+, u l-familji fejn il-ġenituri jgħixu 'l bogħod għax jaħdmu barra minn pajjiżhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet serji, bħall-privazzjoni severa ta' akkomodazzjoni jew iffullar eċċessiv u ostakli fl-aċċess għal servizzi fundamentali u bażiċi; billi huwa sproporzjonatament aktar probabbli li t-tfal b'diżabilità fl-UE jitqiegħdu f'kura istituzzjonali milli t-tfal mingħajr diżabilità, u jidher li huwa ferm inqas probabbli li jibbenefikaw minn sforzi li jippermettu tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fuq il-komunità u l-familja⁶⁷; billi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija strument tal-UE li l-oġettiv tiegħu huwa li jipprevjeni u jiġġielel il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jiggarrantixxi aċċess ħieles u effettiv għat-tfal fil-bżonn għal servizzi essenzjali tal-kura, bħall-edukazzjoni u l-indukrar bikrin tat-tfal, attivitajiet edukattivi u bbażati fl-iskejjel, il-kura tas-saħħa u mill-inqas ikla waħda bnina għal kull ġurnata tal-iskola, u li t-tfal kollha fil-bżonn

⁶⁴ Studju tal-Parlament Ewropew (2021) Policies for long-term carers (Politiki għall-persuni li jindukraw fit-tul).

⁶⁵ Studju tal-Parlament Ewropew (2021) Gender equality: Economic value of care from the perspective of the applicable EU funds (Ugwaljanzi bejn il-Ġeneri: Valur ekonomiku tal-kura mill-perspettiva tal-fondi applikabbli tal-UE).

⁶⁶ European Social Partners joint statement on childcare provisions in the EU (Dikjarazzjoni konġunta dwar dispożizzjonijiet għall-indukrar tat-tfal fl-UE mis-Sħab Soċjali Ewropej)

<https://www.etuc.org/en/document/european-social-partners-joint-statement-childcare-provisions-eu>

⁶⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

ikollhom aċċess effettiv għal nutrizzjoni bnina u akkomodazzjoni adegwata⁶⁸; billi l-aċċessibbiltà tal-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni ta' kwalità bi prezz raġonevoli hija kruċjali għall-iżvilupp personali u l-benesseri tat-tfal; billi hemm korrelazzjoni pożittiva mhux ambigwa bejn l-aċċess għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal fuq naħa u l-impjeg u l-introjtu tal-irġiel u b'mod partikolari tan-nisa fuq l-oħra⁶⁹;

AX. billi l-aċċess għal servizzi tal-kura ta' kwalità, speċjalment kura fit-tul, huwa dejjem iktar prekondizzjonat mid-dħul individwali u tal-familja, il-post ta' residenza tagħhom, id-disponibbiltà tas-servizzi u l-kapaċità ta' forniment u d-disponibbiltà ġeografika kif ukoll kapaċitajiet liberi tal-fornituri; billi tnejn minn kull tliet persuni li jeħtieġu l-kura huma stmati li ma għandhomx aċċess għas-servizzi tal-kura, prinċipalment minħabba l-indisponibbiltà u l-inaċċessibbiltà tal-prezzijiet tagħhom⁷⁰; billi unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, livelli ta' edukazzjoni baxxi, u unitajiet domestiċi migranti jesperjenzaw l-akbar diffikultajiet fl-aċċess għal servizzi formali tal-kura fit-tul ibbażati fid-dar; billi fl-UE kollha, terz, u f'ħames Stati Membri saħansitra aktar minn nofs l-unitajiet domestiċi, jirrapportaw li jeħtieġu servizzi tal-kura fit-tul professjonali iżda ma jistgħux jaċċessawhom minħabba raġunijiet finanzjarji⁷¹; billi l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kura għandu jkun universali, effettiv, irrispettivament mill-kundizzjonijiet ekonomiċi jew is-sitwazzjonijiet u l-istatus ta' residenza jew amministrattivi differenti tagħhom; billi l-persuni b'introjti aktar baxxi huma wkoll grupp li fih, il-ħtiġijiet tal-kura huma aktar prevalenti⁷²;

AY. billi t-teknoloġiji diġitali għandhom il-potenzjal li jappoġġjaw kemm il-persuni li jindukraw b'mod formali kif ukoll informali u jnaqqsu l-piż li jiffaċċjaw, pereżempju, fit-trasport ta' pazjenti għal konsultazzjonijiet li jistgħu jsiru online; billi stħarriġ tal-2021 tal-Eurocarers jissuġġerixxi li 78 % tal-persuni li jindukraw qatt ma użaw teknoloġiji relatati mal-kura⁷³; billi d-diġitalizzazzjoni u l-Internet tal-Oġġetti fis-settur tal-kura jeħtieġ li jiġu kkunsidrati iżda ma għandhomx jissostitwixxu kompletament l-interazzjoni insostitwibbli tal-bniedem relatata mal-kura; billi r-riċerka u l-proġetti pilota għandhom jiġu mħeġġa, biex jiġu ttestjati l-prattikabbiltà u l-effettività tas-servizzi diġitali; billi l-persuni akbar fl-età, inklużi dawk li jirċievu l-kura, għandhom diffikultajiet biex jaċċessaw is-servizzi diġitali; billi l-aċċess għas-servizzi diġitali, inkluż l-aċċess għal-litteriżmu diġitali, għandu jitqies bħala dritt tar-riċevituri tal-kura; billi l-bidla drastika favur it-telexogħol żvelat il-ħtieġa li tiġi infurzata, rieżaminata u aġġornata aħjar il-leġiżlazzjoni relatata mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-ambjent diġitali u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-ħajja professjonali;

AZ. billi n-nisa li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali jħabbtu wiċċhom ma' ostakli addizzjonali fl-aċċess fis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura u jrid ikun hemm

⁶⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

⁶⁹ Ir-Rapport EIGE (2021) "Gender inequalities in care and consequences for the labour market" (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol).

⁷⁰ Ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kura fit-tul
<https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=24079&langId=en>

⁷¹ Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea (2021) Long-term care report (ir-Rapport dwar il-kura fit-tul).

⁷² Ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kura fit-tul
<https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=24079&langId=en>

⁷³ Ir-Rapport tal-Eurocarers tal-2021 dwar l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq il-persuni li jindukraw b'mod informali madwar l-Ewropa.

attenzjoni speċjali biex jiġu indirizzati l-effetti ta' preġudizzji impliċiti fl-aċċess għas-servizzi privati u pubbliċi ġenerati minħabba stereotipi persistenti u s-sottorappreżentanza ta' ċerti gruppi f'dawn l-istituzzjonijiet;

- BA. billi x-xjuħija estrema għandha tkun ukoll soġġetta għal attenzjoni partikolari ħafna sabiex, fejn ikun meħtieġ, tingħata għajjnuna lill-persuni li jkunu tilfu l-awtonomija u jiġi evitat li dawn isibu ruħhom iżolati;
- BB. billi għandhom jitqiesu kif xieraq l-importanza tal-prevenzjoni u r-riabilitazzjoni ġerjatrika għal tixjiħ f'saħħtu u dinjituż;
- BC. billi hemm il-ħtieġa li tissawwar mill-ġdid il-kura mill-infermiera billi jiġi pprovdut, fejn possibbli appoġġ għall-infermiera fid-djar b'xejn jew bi prezz raġonevoli;
- BD. billi ż-żieda fl-investment fl-ekonomija tal-kura skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tirriżulta fi 300 miljun impjieg addizzjonali mad-dinja kollha sal-2035⁷⁴; dan ikun magħmul minn 96 miljun impjieg dirett fl-indukrar tat-tfal, 136 miljun impjieg dirett fil-kura fit-tul, u 67 miljun impjieg indirett fis-setturi mhux tal-kura; billi dan il-livell ta' ħolqien tal-impjiegi jkun jirrikjedi investment ta' 3,2 % tal-PDG globali, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet totali li minnhom jitnaqqas id-dħul mit-taxxa⁷⁵; billi l-Kummissjoni Ewropea tistax li sal-2030 huwa mistenni li jinħolqu 8 miljun impjieg ġdid fl-UE fis-settur tal-kura⁷⁶;
- BE. billi t-tibdil demografiku u t-tixjiħ tal-popolazzjoni li jakkumpanjah se jżidu d-domanda għas-servizzi tal-kura; billi x-xogħlijiet ta' kura mhux probabbli li jiġu sostitwiti jew imnaqqsa bl-awtomazzjoni; billi dan għandu jimmotiva lill-UE u lill-Istati Membri biex jinvestu fl-ekonomija tal-kura bħala settur promettenti li jgħid ix-xogħol, fil-qafas tat-tranżizzjoni diġitali, sabiex jiżdied in-numru ta' impjegati kwalifikati u jiġu attirati aktar persuni lejn dan is-settur;
- BF. billi l-istandards ta' kwalità għall-kura, speċjalment għas-servizzi tal-kura soċjali, jibqgħu nieqsa jew inadegwati;
- BG. billi s-settur tal-kura jeħtieġ investment, riżorsi u riformi sinifikanti; billi fl-2018, id-diskrepanza annwali stmata rigward l-investment fl-infrastruttura soċjali fl-Ewropa kienet ta' EUR 100-150 biljun⁷⁷; billi r-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2021 jipproġetta ż-żieda fin-nefqa pubblika meħtieġa biex tkopri l-ispejjeż tal-kura u l-appoġġ fit-tul sa 2,9 % tal-PDG kull sena fl-2070, meta mqabbla mal-1,7 % fl-2016, filwaqt li xenarju ta' "tixjiħ f'saħħtu" jista' jbaxxi b'mod sinifikanti din l-ispiża u kopertura sħiħa tal-ħtiġijiet ta' kura fit-tul iżżidha b'mod sinifikanti;
- BH. billi huwa kruċjali li wieħed jifhem l-interazzjoni bejn il-kura formali u informali; billi s-servizzi tal-kura formali jistgħu jipprovdu appoġġ għall-persuni li jindukraw b'mod informali, pereżempju, billi jagħmluha possibbli għalihom li jieħu ħin frank kif ukoll

⁷⁴ ILO, 2022, "Care at work: Investing in care leave and services for a more gender equal world of work" (Il-kura fuq ix-xogħol: Investment fil-liv tal-kura u s-servizzi għal dinja tax-xogħol aktar ugwali bejn il-ġeneri),

⁷⁵ ILO, 2022, "Care at work: Investing in care leave and services for a more gender equal world of work" (Il-kura fuq ix-xogħol: Investment fil-liv tal-kura u s-servizzi għal dinja tax-xogħol aktar ugwali bejn il-ġeneri),

⁷⁶ Kummissjoni Ewropea (2021) Green Paper dwar it-Tixjiħ;

⁷⁷ https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/economy-finance/dp074_en.pdf

billi jingħataw taħriġ; billi n-nuqqas ta' rikonoxximent uffiċjali tal-persuni li jindukraw b'mod informali u n-nuqqas relatat ta' data dwarhom u l-bżonnijiet tagħhom huwa ostaklu għal din l-interazzjoni;

- BI. billi l-forniment tal-kura jiddependi minn servizzi pubbliċi u sistemi ta' protezzjoni soċjali ffinanzjati tajjeb u li jiffunzjonaw tajjeb;
- BJ. billi hemm diversità sinifikanti fil-popolazzjoni ta' persuni li jindukraw b'mod informali; billi l-ħtiġijiet tagħhom ivarjaw skont il-kuntest soċjoekonomiku tagħhom, il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, il-ħtiġijiet tar-riċevituri tal-kura tagħhom u l-ammont ta' ħin li jgattgħu jindukraw id-dipendenti;
- BK. billi l-mard newrodeġenerattiv, bħall-marda ta' Alzheimer u forom oħra ta' mard li jwassal għal diżabbiltà fil-memorja, jibqgħu mhux dijanjostikati biżżejjed fil-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej; billi hemm indikazzjoni ċara li l-għadd attwali ta' 9 miljun każ ikkonfermat ta' persuni bid-dimenzja se jirdoppja sal-2050; billi n-nisa jkomplu jkunu affettwati b'mod sproporzjonat mid-dimenzja⁷⁸;
- BL. billi fi Frar 2021, l-Ombudsman Ewropew fetħet inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar irwol tal-Kummissjoni fil-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni fl-UE, li tiffoka fuq it-tweqqif tal-obbligu tal-Kummissjoni li tiżgura li l-Istati Membri jużaw il-fondi tal-UE b'mod li jippromwovi tranżizzjoni minn istituzzjonijiet ta' kura residenzjali għal għajxien indipendenti u parteċipazzjoni fil-ħajja komunitarja;
- BM. billi l-mekkaniżmu previst mid-direttiva tal-2001 dwar protezzjoni temporanja għie attivati għall-ewwel darba bħala reazzjoni għall-influss tal-massa ta' rifuġjati, fuq kolloxx nisa bit-tfal u persuni oħra dipendenti, li qed jaħarbu l-gwerra fl-Ukrajna, li jiggarrantixxi lill-persuni spostati aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol u l-akkomodazzjoni, l-assistenza medika, u aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal; billi l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu msemmi hawn fuq se jkollha impatt dirett sinifikanti fuq is-settur tal-kura, u żżid l-għadd ta' persuni fl-UE li jkollhom bżonn servizzi tal-kura komprensivi u personalizzati iżda wkoll l-għadd ta' persuni li jindukraw b'mod formali kif ukoll informali;
- BN. billi d-data dwar il-kwalità tas-servizzi tal-kura hija kważi esklużivament ibbażata fuq stħarriġiet mhux standard dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti;
- BO. billi d-diffikultajiet assoċjati mal-provvista ta' akkomodazzjoni adegwata, deċenti u bi prezz raġonevoli, speċjalment għall-anzjani, il-persuni waħedhom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, il-familji bi tfal żgħar u l-ġenituri waħedhom, ifixklu b'mod sinifikanti l-aċċess għas-servizzi tal-kura ta' kwalità;
- BP. billi fi 11-il pajjiż tal-OECD, il-pagi medjani tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fit-tul huma biss EUR 9 fis-siegħa, filwaqt li l-pagi tal-ħaddiema tal-isptar – li l-maġġoranza tagħhom huma rġiel – għandhom medja ta' EUR 14 fis-siegħa⁷⁹;

⁷⁸ Alzheimer Europe, "Dementia in Europe Yearbook 2019 (2020) Estimating the prevalence of dementia in Europe" (Annwarju tad-Dimenzja fl-Ewropa 2019 (2020) Stima tal-prevalenza tad-dimenzja fl-Ewropa).

⁷⁹ <https://www.oecd.org/fr/publications/who-cares-attracting-and-retaining-elderly-care-workers-92c0ef68-en.htm>

- BQ. billi aktar min-nofs il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa jgħidu li ma jaqilgħux biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet bażiċi bħall-akkomodazzjoni u l-ikel, u 31 % ma għandhomx aċċess adegwat għal tagħmir protettiv personali⁸⁰;
- BR. billi l-maġġoranza tal-persuni li jindukraw ma jaqilgħux biżżejjed biex jaffordjaw livell ta' għajxien deċenti għalihom infushom u għall-familji tagħhom;

Ewropa li tiegħu ħsieb

1. Jinnota li huwa vitali li jiġu żgurati d-dinjità, l-indipendenza, l-awtonomija, il-benesseri u l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali permezz ta' kura ta' kwalità tul il-ħajja mill-indukrar u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, sa servizzi tal-kura għall-anzjani u appoġġ għal persuni b'diżabilità, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-bnedmin huma interdipendenti u li kulħadd jista' jeħtieġ kura f'xi punt f'ħajjithom;
2. Jissottolinja l-importanza tal-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tal-kura pubblika u l-kwalità, l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet u l-adeqwatezza tal-kura, u li l-persuni kollha li jkollhom bżonn il-kura u l-persuni li jindukrawhom għandu jkollhom id-dritt għal għażla ġenwina fir-rigward ta' servizzi tal-kura xierqa għalihom u għall-familji tagħhom u l-forma tagħhom (kura tal-familja, kura bbażata fuq il-komunità, kura ċċentrata fuq il-pazjent, kura personalizzata jew forom oħra), il-post tal-forniment tagħha u l-intensità tagħha, b'attenzjoni speċjali għall-forniment u l-aċċess għal dawk li jgħixu f'żoni remoti (433) bħal żoni rurali jew reġjuni ultraperiferiċi; iqis li l-investment fil-forniment ta' servizzi pubbliċi u soċjali ta' kwalità huma lievi essenzjali għall-prevenzjoni tat-trasferiment tal-iżvantaġġ minn ġenerazzjoni għall-oħra;
3. Jinnota li l-kura u l-approċċi politiċi differenti tagħha jeħtieġ li jiġu żviluppati u mfassla mill-ġdid skont il-ħtiġijiet tal-individwi, jirrikonoxxi li l-mudelli u x-xejriet li fuqhom hija organizzata l-kura huma varjati fl-Istati Membri u jenfasizza d-dritt ta' kull persuna li tagħżel is-servizzi tal-kura ta' kwalità l-aktar xierqa għas-sitwazzjoni individwali tagħhom u l-ħtieġa li tiġi ggarantita mill-Istati Membri u l-UE fil-politiki kollha tagħha; jinnota li skont il-prinċipju 18 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) "Kulħadd għandu d-dritt għal servizzi tal-kura fit-tul bi prezz raġonevoli u ta' kwalità tajba, b'mod partikolari għal servizzi tal-kura bbażati fuq il-familja u fuq il-komunità", u jisħaq li sabiex jiġi ssodisfat dan il-prinċipju, il-forniment tal-kura għandu jiġi estiż;
4. Jinnota li n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-forza tax-xogħol (76 %) fis-settur tal-kura formali u jwettqu l-parti ewlenija tax-xogħol ta' kura informali filwaqt li jirrappreżentaw ukoll il-maġġoranza tar-riċevituri tal-kura, li l-kura għadha sottovalutata, mhux rikonoxxuta u tiggarrantixxi kumpens finanzjarju insuffiċjenti jew ta' spiss mingħajr kumpens finanzjarju għall-persuni li jindukraw, u li din is-sottovalutazzjoni f'termini ta' paga, kundizzjonijiet tax-xogħol u nuqqas ta' viżibbiltà hija marbuta mill-qrib mal-femminizzazzjoni tas-settur minħabba l-proporzjon għoli ta' nisa li jaħdmu fil-kura formali u informali; jenfasizza li, meta jitfasslu strateġiji u politiki ta' kura, dan l-aspett tal-ġeneru għandu jitqies;

⁸⁰ https://www.finanzwende-recherche.de/wp-content/uploads/2021/10/Finanzwende_BourgeronMetzWolf_2021_Private-Equity-Investoren-in-der-Pflege_20211013.pdf

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-limitazzjonijiet strutturali u r-restrizzjonijiet finanzjarji fit-tip ta' servizzi tal-kura disponibbli għall-individwi u jirrikonoxxi li l-integrazzjoni tal-kura madwar l-Ewropa hija limitata minħabba nuqqas ta' inċentivi u strutturi xierqa;
6. Jisħaq fuq l-importanza ta' approċċ integrat u bbażat fuq id-drittijiet għal azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura li tagħti attenzjoni ugwali lill-ħtiġijiet fiżiċi, mentali, psikoloġiċi u soċjali, personali u domestiċi tan-nies; jenfasizza l-importanza li titwitta t-triq għal approċċ aktar koerenti bejn is-sistemi tas-saħħa u dawk soċjali kif ukoll bejn il-kura formali u informali u l-koordinazzjoni bejn il-politiki tal-kura lokali, reġjonali u nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE, flimkien mal-integrazzjoni orizzontali u settorjali;
7. Jissottolinja l-hteġa li tiġi żviluppata Strateġija Ewropea għall-Kura ambizzjuża u inklużiva li tiżgura aċċess ugwali għall-kura għal kulħadd b'attenzjoni speċjali għall-individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u tikkontribwixxi għall-ġustizzja soċjali;
8. Iqis li l-prevenzjoni hija kruċjali; jitlob li l-prevenzjoni primarja, sekondarja u terzjarja⁸¹ inklużi l-użu adegwat tal-edukazzjoni u l-informazzjoni rilevanti, l-iskrinjar, id-detezzjoni bikrija, il-prevenzjoni u s-segwitu adegwat għall-mard li ma jitteħidx (NCDs) ikunu fost il-komponenti ta' Strateġija Ewropea għall-Kura olistika; ihegġegħ lill-Kummissjoni tadotta approċċ komprensiv u olistiku għall-kura;
9. Ihegġegħ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE u l-bini tal-kapaċità fil-kriżijiet tas-saħħa; ihegġegħ lill-Kummissjoni tippromwovi r-riċerka u l-innovazzjoni, billi tistabbilixxi oqsma ta' prijorità għar-riċerka u l-iżvilupp futuri bbażati fuq mard attwali u futur kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' opportunitajiet relatati mas-settur tal-kura, inkluż għal atturi privati;
10. Jisħaq li l-promozzjoni ta' mudell ta' ugwaljanza fir-rigward tal-pagi u ta' persuni li jindukraw, li fih l-irġiel u n-nisa jinvolvu ruħhom bl-istess mod f'xogħol imħallas fis-suq tax-xogħol u xogħol mhux imħallas fir-responsabbiltajiet domestiċi u ta' kura, għandha tkun għan tal-azzjonijiet kollha tal-UE fl-oqsma tal-kura, is-swieq tax-xogħol u s-servizzi soċjali; ifakkar fl-importanza li tiġi applikata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu fis-settur tal-kura, isaħħu u jiżguraw investiment u finanzjament sostenibbli, akbar u adegwati biex jiggarantixxu aċċess ugwali għall-persuni fil-bżonn ta' kura għal servizzi tal-kura u servizzi domestiċi ta' kwalità bi prezz raġonevoli u b'persunal adegwat, kif ukoll haġja professjonali attiva u sodisfaċenti għall-persuni li jindukraw b'pagi adegwati li jipprovdu għajxien deċenti u opportunitajiet ta' karriera fis-settur permezz taċ-ċertifikazzjoni u l-validazzjoni tal-ħiliet;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu d-disponibbiltà tal-finanzjament

⁸¹ "Il-prevenzjoni primarja hija mmirata lejn il-prevenzjoni tal-okkorrenza inizjali ta' disturb. Il-prevenzjoni sekondarja u terzjarja tfittex li twaqqaf jew tazzan il-mard eżistenti u l-effetti tiegħu permezz ta' detezzjoni bikrija u trattament xieraq; jew li tnaqqas l-okkorrenza li din terġa' tfeġġ u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet kroniċi permezz ta', pereżempju, riabilitazzjoni effettiva." Referenza: WHO, Glossarju għall-promozzjoni tas-saħħa, 1998

għat-tipi kollha ta' servizzi tal-kura u jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej għall-investiment fl-indukrar tat-tfal u l-kura għal persuni akbar fl-età u oħrajn li jeħtieġu l-kura, permezz tal-FSE+, InvestEU u strumenti finanzjarji oħra li jinkoraġġixxu l-investiment soċjali kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Programm EU4Health u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex isir investiment f'kura pubblika garantita u jiġu ffaċilitati servizzi aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni tkejjel u toħloq sinerġiji mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni ta' persuni minn gruppi vulnerabbli u l-istandards stabbiliti għall-investiment fit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, pereżempju biex tiġi appoġġjata l-ekoloġizzazzjoni tal-kura u tal-proġetti tal-kura u tinbeda inizjattiva dwar il-kura ambjentalment sostenibbli, filwaqt li tara li l-infrastrutturi tal-kura jkollhom impatti ambjentali negattivi sinifikanti li jeħtieġ li jissolvew u jittaffew, fi hdn il-prinċipji gwida; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida u pjan direzzjonali għal standards komuni għall-Istati Membri f'dan ir-rigward; jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment iqis li jinkludi fil-baġit annwali tiegħu l-iżvilupp tas-settur tal-kura u tal-ekonomija tal-kura bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija tiegħu stess dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Emanċipazzjoni Ekonomika tan-Nisa;

13. Jitlob pakkett ta' investiment iddedikat għall-promozzjoni tas-settur tal-kura u l-ekonomija tal-kura tal-UE kif ukoll biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fost il-programmi u l-inizjattivi differenti lejn implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija; jitlob għal darb'oħra li jiġu żviluppati għodod ta' bbaġitjar skont il-ġeneru fil-QFP u l-programmi relatati li jippermettu li jiġi identifikat il-finanzjament speċifiku allokat biex jipromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
14. Ifakkar fl-obbligi u l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri għal tranżizzjoni minn ambjenti istituzzjonali segregati għal kura bbażata fuq il-komunità u l-familja u l-promozzjoni ta' mudelli differenti ta' għajxien indipendenti u appoġġ; jistieden lill-Istati Membri jużaw il-fondi Ewropej u nazzjonali disponibbli biex jaċċelleraw din it-tranżizzjoni u jappoġġjaw l-awtonomija individwali u l-għajxien indipendenti billi jappoġġjaw modi biex tissaħħa l-indipendenza, bħall-adattament għad-djar jew l-installazzjoni ta' sistemi ta' detezzjoni diġitali u teknoloġiji ta' assistenza fid-dar, b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet u l-oġettivi tal-UNCRPD; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu miżuri effettivi biex tiżgura li l-fondi tal-UE jintużaw għat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonalizzata għal kura bbażata fuq il-komunità u l-familja, filwaqt li tiżgura l-kura tal-familja fid-diversità kollha tagħha;
15. Jissottolinja li sabiex jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat fil-kura formali, huwa importanti li jiġi pprovdut finanzjament pubbliku għal fornituri tas-servizzi tal-kura ġenwini fis-sistemi tas-sigurtà soċjali jew permezz tan-nefqa fuq it-taxxa li se joffri l-għoti ta' servizzi tal-kura legali u ġusti bi prezz raġonevoli;
16. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kopertura universali tas-saħħa, iżidu l-investimenti fil-kura tas-saħħa, u jagħtu prijorità lill-finanzjament lejn il-kura fil-komunità u dik primarja; jistieden lill-Istati Membri jeliminaw b'mod urġenti l-ostakli eżistenti għal kura tas-saħħa għal kulħadd, inkluż għall-migranti mingħajr dokumenti u billi tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali; jitlob li jiġu żgurati pagi ogħla u ġusti u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema fis-settur tal-kura, l-assistenti fis-settur tal-kura tas-saħħa u persunal ieħor fil-qasam tal-appoġġ;

17. Jenfasizza li proporzjon sostanzjali ta' mudelli, servizzi u faċilitajiet tal-kura huma bbażati fuq mudell istituzzjonalizzat u antikwat li huwa aktar baxx mill-kriterji moderni ta' kwalità u ma jissodisfawx il-ħtiġijiet u x-xewqat fiżiċi, soċjali u psikoloġiċi tar-riċevituri tal-kura; jenfasizza li l-persuni li għandhom bżonn il-kura għandhom jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-pjanijiet tal-kura fl-istadji kollha tat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki u s-servizzi tal-kura, permezz tal-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, mudelli u għodod ġodda għall-ġhoti tal-kura, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-fehim minn diversi ġenerazzjonijiet għall-ħtiġijiet individwali ta' persuni li għandhom bżonn il-kura, li jkollhom bħala objettiv it-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fuq il-familja u l-komunità u l-promozzjoni ta' mudelli differenti ta' għajxien indipendenti u appoġġ;
18. Jemmen li hija meħtieġa kura ċċentrata fuq il-persuni u individwalizzata biex tiġi żgurata d-dinjità tar-riċevituri tal-kura u tal-persuni li jindukrawhom, kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħaħ tagħhom fil-komunità; jenfasizza li din il-bidla lejn approċċ iċċentrat fuq il-persuna teħtieġ aktar integrazzjoni tal-kura għal perkorsi tal-kura aktar olistiċi, biex jitjiebu l-benefiċċji għal dawk li jirċievu l-kura kif ukoll titjeb il-kwalità tal-kura;
19. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jintużaw bis-sħiħ soluzzjonijiet diġitali biex jiġu appoġġjati persuni li jkollhom bżonn il-kura biex jgħixu ħajja indipendenti u awtonoma, il-ħtieġa li jittejjeb ir-rispett tad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, li tiġi żviluppata awtonomija kemm għall-professjonisti tal-kura kif ukoll għal dawk li jirċievu l-kura, permezz ta' approċċ personalizzat għat-tfassil u l-ibbaġitjar tal-kura, inkluża kura tas-saħħa u kura ċċentrata fuq il-persuna mfassla apposta permezz ta' għodod xierqa, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm kuntatt uman ta' kwalità għall-persuni li jeħtieġu kura u appoġġ;
20. Jemmen li l-iżvilupp tal-kura għandu jkollha jkollha il-kategoriji kollha tal-utenti u d-differenzi tagħhom; jiddikjara li dawk li jippjanaw, jiprogrammaw u jipprovdu servizzi tal-kura għandhom ir-responsabbiltà li jkunu konxji ta' dawk il-ħtiġijiet, tal-ġhoti ta' setgħa lill-utenti tas-servizzi u l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq l-utenti f'servizzi li qed jiżviluppaw u li s-servizzi tal-kura għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità jridu jiġu pplanati u żviluppati bil-parteċipazzjoni tal-utenti;
21. Jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-informazzjoni u l-aħjar prattiki bil-ħsieb li jiżviluppaw qafas Ewropew komuni ta' kwalità għall-kura formali u informali, ibbażat fuq id-drittijiet għall-indipendenza, l-awtonomija u l-benesseri, u ispirat, fost affarijiet oħra, mill-qafas tad-WHO biex jappoġġja lill-pajjiżi fil-ksib ta' kontinwità integrata ta' kura fit-tul, li jinkludi l-ambjenti kollha tal-kura, jiżgura l-konverġenza soċjali 'l fuq, jigarantixxi drittijiet ugwali għaċ-ċittadini kollha u jsaħħaħ il-kwalità tal-ħajja;
22. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu l-infrastrutturi tagħhom għall-ġbir tad-data f'konformità ma' dan il-qafas ta' kwalità;
23. Jitlob, barra minn hekk, li jsir skambju tal-aħjar prattiki dwar l-aħjar mod biex jiġu appoġġjati gruppi bi bżonnijiet partikolari ta' kura (bħal ġenituri waħedhom li huma prinċipalment nisa, ġenituri bi tfal b'mard serju u persuni akbar fl-età);
24. Jenfasizza li ż-żieda fil-ħtiġijiet tal-kura titlob li jittieħed approċċ konġunt tal-UE u

jitlob li tiġi stabbilita strateġija Ewropea konkreta dwar kura tas-saħħa preventiva bħala parti mis-soluzzjoni għall-pressjoni dejjem akbar fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa; jinnota li s-servizzi tal-kura għandhom jiġu żviluppati sabiex tissaħħaħ il-kontinwità tal-kura, il-kura tas-saħħa preventiva, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti u jissottolinja l-importanza ta' programmi għall-promozzjoni u l-edukazzjoni tas-saħħa tul il-ħajja, il-prevenzjoni tal-mard u l-eżami regolari, flimkien ma' programmi tal-kura tas-saħħa aktar effettivi biex jistimulaw il-proċess ta' tixjiħ b'saħħtu; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv fid-Deċennju tat-Tixjiħ b'Saħħtu tad-WHO billi jfasslu pjanijiet ta' tixjiħ b'saħħtu fl-UE li jkunu jkopru l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-kura, kif ukoll strateġiji għall-promozzjoni u l-prevenzjoni tas-saħħa;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu rwol ta' tmexxija fil-qasam tal-kura billi tistabbilixxi miri ambizzjużi fil-livell tal-UE għall-finanzjament, l-aċċess, il-kwalità, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-servizzi tal-kura f'konsultazzjoni mal-Istati Membri kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi s-sħab soċjali, u tiżviluppa definizzjonijiet u indikaturi armonizzati biex tivvaluta dawk il-miri għat-tfal, il-persuni akbar fl-età jew il-persuni b'diżabilità;
26. Jissottolinja l-ħtieġa li t-tabella ta' valutazzjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-dritt għal kura ta' kwalità fil-kuntesti pubbliku, privat, formali u informali;
27. Ifakkar li l-UE għandha tagħmel użu mill-qafas 5R tal-ILO għal xogħol ta' kura deċenti (tirrikonoxxi, tnaqqas u tqassam mill-ġdid ix-xogħol ta' kura mhux imħallas, tippremja x-xogħol ta' kura mħallas) flimkien mal-garanzija tar-rappreżentanza tal-ħaddiema tal-kura, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;
28. Ifakkar li għandu jsir progress favur ekonomija tal-kura li tieħu approċċ għall-kura integrat, olistiku, sensitiv għall-ġeneru u tul il-ħajja; jišhaq li dan għandu jinkludi miżuri leġiżlattivi u investiment fil-livell tal-UE sabiex jiġu promossi wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-attraenza tax-xogħol fis-settur tal-kura;
29. Jišhaq fuq l-importanza li tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' approċċ Ewropew għall-kura fil-konklużjonijiet ta' segwitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, peress li l-kura hija settur kruċjali għall-futur tal-Ewropa;
30. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija Ewropea għall-kura ambizzjuża, robusta u li tibqa' valida fil-futur li tibni fuq id-dritt ta' kulħadd għal kura bi prezz raġonevoli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja, kif ukoll fuq prinċipji oħra stabbiliti fl-EPSR u fid-dokumenti strateġiċi tal-UE, u d-drittijiet u l-ħtiġijiet individwali kemm tar-riċevituri tal-kura kif ukoll tal-persuni li jindukrawhom, u li tinkludi t-tul kollu tal-ħajja, filwaqt li timmira u tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tal-persuni f'perjodi kritiċi tul ħajjithom, u tistabbilixxi l-bażi għall-kontinwità tas-servizzi tal-kura tul il-ħajja u trawwem is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet;
31. Jišhaq li din l-istrateġija għandha tkun ibbażata fuq data affidabbli, komprensiva u komparabbli, aċċessibbli għall-pubbliku, dwar is-sitwazzjoni u l-kategoriji kemm tal-persuni li jindukraw kif ukoll tar-riċevituri tal-kura, diżaggregata skont il-ġeneru, l-età, in-nazzjonalità, l-orijini etnika⁸², id-diżabilità, l-istatus soċjoekonomiku, id-

⁸² Id-data dwar l-orijini etnika għandha tinġabar fuq bażi volontarja u anonima purament għall-finijiet tal-

disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet, it-tip ta' kura pprovduta jew riċevuta u ambjenti ta' kura differenti (privati jew pubbliċi, istituzzjonali, ibbażati fuq il-familja jew il-komunità) u tinkludi għanijiet konkreti u progressivi bi skeda u indikaturi biex jiġi evalwat il-progress u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' kura fis-soċjetajiet Ewropej; itenni t-talba lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaġġornaw il-qafas statistiku għall-ġbir ta' data affidabbli, komparabbli u diżaggregata, filwaqt li jiżguraw ir-rispett sħiħ għall-istandards tal-privatezza u tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sħarriġ dettaljat dwar l-użu tal-ħin għestit ċentralment, diżaggregat skont il-parametri msemmija qabel, biex jiġi vvalutat il-valur tax-xogħol mhux imħallas fl-Istati Membri;

32. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livelli tal-UE, nazzjonali u lokali, inklużi r-rappreżentanti tal-persuni li jindukraw b'mod informali u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, fit-thejġija tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura biex jitqiesu d-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-bżonnijiet tagħhom u jisħaq li l-istrateġija għandha tidentifika l-gruppi fil-mira tagħha;
33. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi miżuri komprensivi kontra l-vjolenza u l-fastidju, b'mod partikolari l-ġlieda kontra kull forma ta' abbuż ta' persuni akbar fl-età u atti abbużivi kontra l-persuni li jindukraw fl-Istrateġija Ewropea għall-Kura sabiex jiġu miġġielda l-fenomeni inkwetanti bħan-nuqqas ta' assistenza, in-negliġenza u l-użu mhux xieraq ta' restrizzjonijiet fiżiċi jew kimiċi, b'mod partikolari fil-qasam tal-kura u l-appoġġ fit-tul; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw taħriġ għall-persuni li jindukraw b'mod informali u formali biex jevitaw, jipprojbixxu u jiġġieldu l-vjolenza u l-fastidju relatati mal-kura kif ukoll jistabbilixxu mekkaniżmi indipendenti u effettivi għar-rapportar u l-indirizzar ta' dan;
34. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-investimenti allokatu għall-ekonomija tal-kura jiġu inklużi fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali, il-Fondi ta' Koeżjoni u l-istrumenti finanzjarji rilevanti l-oħra kollha tal-UE (riveduti);
35. Jissottolinja li l-ekonomija tal-anzjani emerġenti tista' tinbidel f'waħda mill-ixprunaturi ekonomiċi ewlenin, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, u tista' tipprovdi opportunitajiet għas-setturi tas-saħħa u l-kura fit-tul, u toffri kura ta' kwalità għolja b'mod aktar effiċjenti;
36. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi Jum għall-Kura Ugwali tal-UE, kull jum biżestili tad-29 ta' Frar, sabiex iżżid l-għarfien dwar is-sottovalutazzjoni u l-inviżibbiltà tal-indukrar u tal-persuni li jindukraw fis-soċjetajiet tagħna;
37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, minbarra li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-kura immedjati, jadottaw il-politiki u l-miżuri li jindirizzaw il-kawżi tagħhom, bħall-faqar, l-esklużjoni soċjali u ostakli strutturali oħra li jostakolaw l-aċċess universali u ugwali għal kura ta' kwalità, u fuq kollox l-isfidi relatati mal-impjegi, l-educazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll akkomodazzjoni deċenti u bi prezz raġonevoli;

Kura ta' kwalità għal kull tifel u tifla

identifikazzjoni u l-ġlieda kontra atti diskriminatorji.

38. Jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-obiettivi ta' Barcellona bħala parti mill-pakkett ta' strateġija Ewropea għall-kura; jitlob li titħeġġeġ konverġenza 'l fuq u għal iktar investiment f'kura pubblika ta' kwalità għolja għal kull tifel u tifla fl-UE, fost l-oħrajn billi jiġu riveduti l-miri u jittejjeb b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni għall-aċċessibilità tal-indukrar tat-tfal għat-tfal kollha, inklużi dawk li għandhom inqas minn 3 snin u dawk li jiffaċċjaw il-faqar, l-esklużjoni soċjali u forom intersezzjonali ta' diskriminazzjonijiet, u billi jiġu stabbiliti indikaturi speċifiċi rfinati biex jimmonitorjaw l-aċċess għall-indukrar tat-tfal għal tfal li għandhom inqas minn sena; jistieden lill-Kummissjoni tintegra fl-obiettivi mira ġdida għall-forniment tal-indukrar tat-tfal wara l-ħinijiet tal-iskola; jistieden lill-Istati Membri li għandhom lura milli jilħqu l-obiettivi ta' Barcellona tal-2002 jadottaw mill-aktar fis possibbli l-miżuri meħtieġa kollha biex jilħqu l-mira li jipprovdu indukrar tat-tfal lil mill-inqas 90 % tat-tfal li għandhom bejn 3 snin u l-età obbligatorja għall-iskola u lil mill-inqas 33 % tat-tfal li għandhom inqas minn 3 snin;
39. Ifakkar li l-fondi tal-UE (FSIE u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew+, kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) għandhom jintużaw biex jikkomplementaw l-investimenti tal-Istati Membri fl-indukrar tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-investimenti pubbliċi fis-servizzi tal-indukrar tat-tfal fl-użu tal-istrumenti finanzjarji tal-UE; jissottolinja li l-investimenti pubbliċi u l-impjiegi ta' kwalità u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fis-settur tal-indukrar tat-tfal huma essenzjali għall-forniment tal-indukrar tat-tfal ta' kwalità;
40. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni, inklużi l-attivitajiet ta' wara l-iskola, u politiki u miżuri oħra b'appoġġ għat-tfal kollha u l-familji tagħhom b'mod inklużiv u integrat, bl-użu ta' approċċ iċċentrat fuq it-tfal b'attenzjoni partikolari għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal dawk fil-faqar u l-privazzjoni soċjali jew fir-riskju tagħhom, kif ukoll it-tfal b'diżabilità, it-tfal migranti u t-tfal minn minoranzi, u wieħed li jiddefendi l-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, inkluż l-impenn li jiġu ggarantiti edukazzjoni u indukrar bikrija ta' tfal fil-bżonn li jkun ta' kwalità għolja, effettivi u bla ħlas⁸³; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw servizzi ta' assistenza personali għat-tfal b'diżabilità u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u ta' kwalità għal dawk il-professjonisti li jaħdmu mat-tfal b'diżabilità;
41. Jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 u l-wasla tar-rifuġjati wara l-gwerra fl-Ukrajna jistgħu jaggravaw aktar is-sitwazzjoni tat-tfal f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali jew tat-tfal li jeħtieġu aċċess għal kura ta' kwalità; għalhekk itenni l-istediniet tiegħu⁸⁴ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iżidu l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun biex jiġġieldu kontra l-faqar li qed jaffettwa lit-tfal u lill-familji tagħhom u jikkontribwixxu għall-għan li l-faqar jitnaqqas mill-inqas bi 15-il miljun ruħ sal-2030 – li jinkludi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla fl-Istati Membri kollha;
42. Ifakkar li l-protezzjoni soċjali u l-appoġġ għall-individwi u l-familji, b'enfasi speċjali

⁸³ Kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/100 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

⁸⁴ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti, (2020/2084(INI)); Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna (2022/2618(RSP))

fuq gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'hal familji kbar, familji b'ġenitur wieħed jew familji b'wild b'diżabilità, huma essenzjali u jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiżguraw sistemi ta' protezzjoni soċjali universali, adegwati u aċċessibbli għal kulħadd u sistemi integrati ta' protezzjoni tat-tfal biex ħadd ma jibqa' lura, inklużi l-prevenzjoni effettiva, l-intervent bikri u l-appoġġ tal-familja, sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà għat-tfal mingħajr il-kura tal-ġenituri jew li jinsabu friskju li jitilfu din il-kura, kif ukoll miżuri ta' appoġġ għat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fuq il-familja u l-komunità; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investment fis-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u fis-servizzi ta' protezzjoni soċjali b'hal parti importanti mill-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal;

43. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ olistiku u integrat kontinwu lill-ġenituri, inklużi intitolamenti mħallsa u miżuri tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, riflessi wkoll fi skemi tal-pensjoni, servizzi soċjali b'livell baxx ta' limitu, b'hal-kura ta' matul il-jum, il-konsulenza, il-medjazzjoni jew l-appoġġ psikosoċjali, li jinkoraġġixxu rwol aktar sostanzjali u b'hekk jiżguraw parteċipazzjoni ugwali tal-irġiel f'responsabbiltajiet domestiċi u ta' kura mhux imħallsa, inkluż l-indukrar għal tfal żgħar ħafna, kif ukoll tfal b'diżabilità; jissottolinja l-importanza ta' strutturi u servizzi tal-kura adegwati, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għall-ġenituri waħedhom, li l-maġġoranza l-kbira tagħhom huma nisa, u għall-familji b'introjtu baxx u mhux stabbli u li huma friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data standardizzata dwar l-ugwaljanza, diżaggregata skont ir-raġunijiet protetti skont id-Direttiva 2000/43, id-Direttiva 2000/78, id-Direttiva 2006/54, abbażi tal-parteeċipazzjoni volontarja, il-kunfidenzjalità, l-awtoidentifikazzjoni u l-kunsens infurmat, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji u l-istandards ewlenin tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet fundamentali tal-UE;
44. Jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat indukrar tat-tfal ta' kwalità aċċessibbli, disponibbli, bi prezz raġonevoli u inklużiv, bl-użu ta' approċċ iċċentrat fuq id-drittijiet u t-tfal, li jissodisfa d-domandi matul il-ħinijiet tax-xogħol tal-ġenituri u l-vaganzi tal-iskola, u jiffaċilita opportunitajiet indaqs għall-ġenituri biex jirritornaw għax-xogħol, jilħaq bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, peress li huwa wieħed mill-fatturi ewlenin tal-parteeċipazzjoni sħiħa tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jissottolinja li fl-istess ħin għandu jwieġeb għall-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-ġenituri tagħhom, relatati pereżempju mad-diżabilità, il-mard u x-xogħol f'settur speċifiku; ifakkar li l-iżbilanċi bejn il-ġeneri fir-rigward tal-kura u l-impjiegi għandhom konsegwenzi negattivi tul il-ħajja kollha fuq il-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-progressjonijiet tal-karriera ta' bosta nisa, u dan jirriżulta f'differenza importanti bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u differenzi kbar fir-rati ta' faqar f'età akbar;

Aċċess ugwali għal servizzi tal-kura ta' kwalità

45. Jistieden lill-Istati Membri ***jirrikonoxxu d-dritt għall-kura u jirriformaw u jintegraw is-servizzi soċjali u s-sistemi ta' protezzjoni tagħhom b'tali mod li jipprovdu aċċess effettiv, komprensiv, ugwali u f'waqtu għas-servizzi tal-kura u t-trattamenti tul il-ħajja, billi jinkorporaw fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom soluzzjonijiet li jiżguraw approċċ personalizzat u awtonomija akbar tal-utenti fl-għażla tas-servizzi u t-tip ta' mudelli ta' impjieg li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet u jiproteġu d-drittijiet kemm tar-riċevituri tal-kura*** kif ukoll tal-persuni li jindukraw, inklużi s-servizzi

domestiċi personali, l-assistenza personali u mudelli ta' impjeg oħrajn għas-servizzi tal-kura fid-djar, sabiex tissaħħaħ il-kontinwità tal-kura, il-kura tas-saħħa preventiva, ir-riabilitazzjoni, prevenzjoni, dijanjożi u trattament aħjar ta' mard okkupazzjonali, l-awtonomija, l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkunu jistgħu jiġu aċċessati l-intitolamenti għall-kura b'mod indipendenti mill-eliġibbiltà għal trasferimenti soċjali oħra u li jiġu eliminati ostakli strutturali, li jwasslu biex il-persuni ma jiddux il-kura u servizzi oħra ta' appoġġ jew li dawn jiġu posposti; barra minn hekk jindikaw l-ħtiġijiet tal-persuni kollha li jindukraw, b'mod partikolari tal-ħaddiema migranti bi status varji, li jistgħu jiffaċċjaw ostakli partikolari biex jaċċessaw il-kura, diskriminazzjoni intersezzjonali, emarġinazzjoni u faqar fost dawk li jaħdmu;

46. Jinnota li l-aċċessibbiltà tal-kura ġejja minn taħlita ta' fatturi, bħad-disponibbiltà ta' servizzi personalizzati ta' spettru diversifikat, spiża u flessibbiltà iżda wkoll personal tal-kura adegwat, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, ħin ta' stennija, distanzi ġeografiki għall-eqreb faċilità tal-kura, infrastruttura pubblika u trasport adegwati; jemmen li f'dan ir-rigward għandhom ikunu disponibbli, promossi, ivvalutati u rikonoxxuti forom differenti ta' forniment ta' servizzi tal-kura, b'mod partikolari li l-forniment ta' ambjenti tal-kura fil-familja u bbażati fuq il-komunità għandu jittejjeb u jingħata prijorità favur tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal dik ibbażata fuq il-familja u l-komunità; jindika t-tibdil demografiku bħala fattur importanti taż-żieda fil-ħtiġijiet tal-kura, li se jirrikjedi investimenti sinifikanti mill-UE u mill-Istati Membri kif ukoll l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-ostakli amministrattivi li jostakolaw l-aċċess f'waqt u effettiv tar-riċevituri tal-kura u l-familji tagħhom għal soluzzjonijiet adegwati ta' kura u appoġġ;
47. Jisħaq fuq l-impatt ta' ambjenti ekoloġiċi, l-aċċess ta' kuljum għal forom differenti ta' natura u ta' barra f'kundizzjonijiet ta' għajxien ta' kwalità tajba tal-persuni li jkollhom bżonn il-kura; jinnota li l-istudji juru li l-aċċess għan-natura għandu benefiċċji sostanzjali kemm għas-saħħa fiżika kif ukoll għas-saħħa mentali tan-nies kollha, speċjalment dawk li jeħtieġu l-kura, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għan-natura u għal barra għal persuni dipendenti mill-kura kif ukoll li jiġu appoġġjati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fis-settur tal-kura;
48. Jinnota li t-teknoloġiji diġitali huma żvilupp promettenti fl-appoġġ tal-ġoti tal-kura iżda biss jekk jiġu żviluppjati minn punt ta' tluq ibbażat fuq l-utenti u jkunu modulari⁸⁵ u mfassla apposta; jenfasizza f'dan ir-rigward il-bżonn li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali fost il-persuni li jindukraw b'mod formali u informali kif ukoll fost ir-riċevituri tal-kura billi jkollhom programmi speċifiċi li jkollhom dawn il-gruppi fil-mira; jisħaq li dan għandu jiġi kkomplementat b'titjib fl-aċċess għall-internet u b'mod speċjali soluzzjonijiet diġitali faċli għall-utent u personalizzabbli aċċessibbli għar-riċevituri tal-kura u l-persuni li jindukraw kollha, sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tas-servizzi tas-saħħa diġitali u tal-kura online, kif ukoll jiġi appoġġjat il-potenzjal tal-iżviluppi teknoloġiċi fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-kura u l-ostakli għall-forniment transfruntier tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-finanzjament EU4Health u Digital Europe

⁸⁵ Soluzzjonijiet diġitali, pereżempju applikazzjonijiet, li huma magħmula minn moduli u funzjonijiet differenti li jistgħu jiġu kkombinati mal-formola bażika tal-applikazzjoni biex b'hekk ikollna applikazzjoni li tkun adattata għall-ħtiġijiet u x-xewqat tal-utenti individwali.

biex jappoġġjaw u jżidu l-litteriżmu diġitali kemm tar-riċevituri tal-kura kif ukoll tal-persuni li jindukraw;

49. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kura ma tiġix ikkummerċjalizzata;
50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw l-għodod meħtieġa għall-valutazzjoni regolari tal-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tas-servizzi tal-kura u t-trattamenti; jissottolinja li l-prinċipju tal-aċċessibbiltà għandu jiġi applikat u għandu jiġi infurzat b'mod vigoruż fis-servizzi kollha tal-kura u tal-appoġġ, li jiżgura d-dinjità u l-awtonomija, kemm fl-ambjent fiżiku kif ukoll f'dak diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-indikaturi bbażati fuq l-eżitu għall-aċċess għall-kura, bħal ħtiġijiet mhux issodisfati rrapportati għall-kura;
51. Jisħaq fuq l-importanza ta' investiment f'waqtu fil-faċilitajiet tal-kura, l-identifikazzjoni tad-diskrepanzi fil-ħiliet, l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet futuri ta' persunal u taħriġ fil-livell ta' professjonijiet individwali, setturi kif ukoll reġjuni, b'attenzjoni speċjali għad-densità u l-ħtiġijiet ta' kura tal-popolazzjoni, bħala mezz biex jiġu żgurati livelli adegwati u sostenibbli ta' persunal u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-servizzi u l-kura; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu standards u indikaturi komprensivi ta' kwalità kemm għas-servizzi ta' kura formali kif ukoll informali, għal ambjenti bbażati fid-djar, privati u pubbliċi, inklużi l-kompetenzi u r-rekwiżiti ta' taħriġ tal-persuni li jindukraw, kif ukoll l-għodod għall-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tagħhom;
52. Jenfasizza li s-servizzi ta' kura transfruntiera, inkluża l-kura residenzjali, ipprovduti kemm minn ħaddiema mobbli intra-UE kif ukoll minn ħaddiema migranti mhux mill-UE, spiss huma kruċjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem akbar ta' kura; ifakkar li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-ħaddiema migranti huma nisa u li huma affettwati mill-ktajjen tal-kura globali; jisħaq li l-moviment liberu tal-persuni u l-ħaddiema huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tal-UE, iżda li għad fadal sfidi għall-kura transfruntiera; jitlob li jiġu protetti d-drittijiet tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema tal-kura u tar-riċevituri tal-kura kollha bħala parti mid-dritt għall-moviment liberu tal-persuni f'dan is-settur kif ukoll li jiġu żgurati kemm kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti kif ukoll il-qerda tax-xogħol mhux iddikjarat; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw taħriġ transfruntier, b'mod partikolari fir-reġjuni transfruntiera, biex jiffaċilitaw il-kura transfruntiera u jikkondividu l-aħjar prattiki fis-settur tal-kura, fost l-oħrajn bħala mezz biex jiġi indirizzat l-eżodu tal-kura u n-nuqqas ta' aċċess għall-kura ta' kwalità fir-reġjuni jew il-pajjiżi minn fejn jiġu l-fornituri tal-kura;
53. Itenni t-talba tiegħu għal definizzjoni komuni ta' diżabilità, kif ukoll rikonossiment reċiproku tal-istatus tad-diżabilità fl-Istati Membri f'konformità mal-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat UNCPRD dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea adottat fl-2015 bil-għan li jiġi eliminat l-ostaklu fundamentali għall-mobilità fl-UE ta' persuni b'diżabilità u li jiġi permess l-aċċess tagħhom għas-servizzi tas-saħħa, il-kura u servizzi oħrajn li jiffaċilitaw il-ħajja indipendenti, kif ukoll opportunitajiet ugwali għall-edukazzjoni u l-impjiegi; jappella għall-implimentazzjoni u l-espansjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità għall-Istati Membri kollha, li twitti t-triq għal definizzjoni Ewropea ta' diżabilità u tippermetti lill-persuni b'diżabilità jeżerċitaw id-dritt tagħhom

għal moviment liberu f'Europa mingħajr ostakli;

54. Jappella għall-prijoritizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-saħħa mentali fi ħdan il-politiki tas-saħħa u tal-kura pubbliċi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tressaq strateġija Ewropea dwar is-saħħa mentali, bil-għan li tiżgura saħħa mentali tajba għal kulħadd, tidentifika l-isfidi relatati mas-saħħa mentali tal-ġenerazzjonijiet kollha fl-ambjenti rilevanti kollha, kif ukoll tiġġieled kontra l-istereotipi u l-istigma assoċjata fir-rigward tas-saħħa mentali; jišhaq li dan għandu jsir b'mod sensitiv għall-ġeneru, b'attenzjoni speċjali għal dawk is-sitwazzjonijiet mhux vulnerabbli u l-gruppi l-aktar fil-bżonn; jissottolinja l-importanza ta' saħħa u kura mentali ta' kwalità tul il-ħajja, li jinkludu l-età bikrija, l-educazzjoni, id-dinja tax-xogħol, kif ukoll strateġiji għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-aċċess fil-pront għal trattament ta' kwalità disponibbli, bi prezz raġonevoli u adegwat b'mod effettiv li jikkontribwixxi għall-kwalità tal-ħajja tal-adulti kollha, inklużi l-persuni li jeħtieġu kura fit-tul;
55. Jenfasizza l-importanza tal-kura u l-appoġġ emozzjonali, psikoloġiċi, soċjali u spiritwali kif ukoll tas-servizzi tas-saħħa mentali lil hinn mill-medikazzjoni fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-persuni li jirċievu kura palljattiva; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri javvanzaw l-aċċess għal servizzi ta' kura palljativa integrati biex jiffaċilitaw l-uġiġħ u l-iskumdità kif ukoll iżommu d-dinjità u l-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jsofru minn mard terminali ladarba l-mezzi kollha ta' kura attiva jkun qiesu u nstabu ineffettivi, u jiżguraw appoġġ adegwat għal dawk li jindukrawhom;
56. Jitlob li l-infermiera jkollhom aċċess aktar faċli għal servizzi li joffru appoġġ għas-saħħa mentali u fiżika;
57. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess immedjat u sħiħ tal-persuni li jgawdu protezzjoni temporanja għal servizzi tal-kura ta' kwalità, mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi u b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet fiżiċi u psikoloġiċi tagħhom iġġenerati miċ-ċirkostanzi tal-gwerra u l-ispostament tagħhom, u jiżguraw, fl-istess ħin, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg ugwali u deċenti u paga ugwali għall-persuni li jgawdu protezzjoni temporanja li se jfittxu impjieg fis-settur tal-kura; jissottolinja li kapaciċitajiet u investment addizzjonali fis-settur tal-kura huma essenzjali għal dan il-għan;

Kura fit-tul ta' kwalità għal ħajja twila u ta' kwalità

58. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sett ta' miri komprensivi, ambizzjużi u bbażati fuq id-drittijiet u indikaturi korrispondenti għall-kura fit-tul, mekkaniżmu ta' rapportar u għodod għal data diżaggregata dwar l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet u l-kwalità tat-trattamenti u s-servizzi tal-kura, kif ukoll il-livelli tal-persunal, applikabbli għat-tipi kollha ta' faċilitajiet u fornituri, simili għall-obiettivi ta' Barcellona għall-indukrar tat-tfal; jenfasizza l-ħtieġa ta' miri u indikaturi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti kif ukoll parteċipazzjoni kontinwa tan-nisa fis-suq tax-xogħol li jiggwidaw l-investment, il-finanzjament u t-taħriġ biex jiġi żgurat aċċess aħjar għal servizzi ta' kwalità għal dawk fil-bżonn kif ukoll tiġi żgurata l-parteċipazzjoni kontinwa tan-nisa fis-suq tax-xogħol iffaċilitata minn responsabbiltajiet ta' kura ugwali;
59. Huwa konvint li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bħala l-mira ewlenija l-aċċess

ugwali u universali għal kulħadd għal servizzi tal-kura ta' kwalità fit-tul ibbażati fuq il-ħtiġijiet individwali tal-persuni li jirċievu l-kura u l-appoġġ, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lill-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi u lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità u n-nisa li jwettqu xogħol ta' kura informali u mhux iddikjarat; jinnota li l-ħtiġijiet ta' kura fit-tul mhumiex limitati għal persuni akbar fl-età u li minflok jestendu għal gruppi differenti li jeħtieġu kura matul iċ-ċiklu tal-ħajja, bħal persuni b'mard rari, li l-maġġoranza tagħhom jibdeu matul it-tfulija; jisħaq li l-aċċess ugwali, effettiv u f'waqtu għas-servizzi tal-kura u l-appoġġ jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod billi tiġi integrata l-kura fit-tul fis-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni soċjali, kif irrakkomandat mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, li, għal raġunijiet relatati mal-ekwità u l-effiċjenza, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jiksibu dan⁸⁶;

60. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' indikaturi ta' kwalità għas-servizzi soċjali u tas-saħħa kollha li huma bbażati fuq id-drittijiet tal-persuni li jkollhom bżonn il-kura, iż-żamma u t-titjib tal-indipendenza u l-awtonomija tagħhom kif ukoll l-inklużjoni soċjali, u li jagħmlu enfasi fuq l-aspirazzjonijiet tal-kura fit-tul, bħat-titjib tal-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tal-persuni li jkollhom bżonn servizzi ta' kura u appoġġ fit-tul, l-evoluzzjoni ta' snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa u indikaturi oħra li jpoġġu l-esperjenza kollha tal-kura fiċ-ċentru tal-attenzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-benefiċċji tal-approċċi għal kura integrati li jevitaw id-deklin fiżiku u konjittiv u jtawlu l-awtonomija tar-riċevituri tal-kura; jisħaq li l-età akbar, id-diżabilità, il-mard serju u kwalunkwe ċirkostanza oħra li jwasslu għal ħtiġijiet ta' kura fit-tul ma jippreżentawx ostaklu għal parteċipazzjoni attiva tal-individwi fis-soċjetà u l-ħajja fil-komunità; ifakkar li l-esklużjoni soċjali tal-persuni li jkollhom bżonn il-kura u l-appoġġ hija qabelxejn prodott ta' perċezzjonijiet negattivi mifruxa b'mod wiesa', awtoimmagnijiet maħluqa soċjalment u d-diskriminazzjoni strutturali persistenti;
61. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza Summit dwar il-Kura biex jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali fl-UE wara s-summit għal diskussjoni bir-reqqa u inklużiva mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, bħal sħab soċjali, gruppi ta' interess, organizzazzjonijiet tal-pazjenti, organizzazzjonijiet tal-kura, riċevituri tal-kura u r-rappreżentanti tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, il-fornituri tas-servizzi u esperti oħra dwar il-kura bbażata fil-komunità u xierqa għall-2030 bil-ħsieb li tinholq pjattaforma fit-tul, jinħolqu soluzzjonijiet ta' kura innovattivi, jiġu żgurati sistemi ta' kura li jibqgħu validi fil-futur, tiġi eliminata gradwalment il-kura istituzzjonalizzata u tiġi sostitwita b'kura bbażata fil-komunità jew ibbażata f'familji u/jew l-użu ta' baġits personalizzati u tfassil personalizzat tal-kura; jistieden lill-Kummissjoni tiggwida l-investimenti pubbliċi fis-servizzi tal-kura fit-tul fl-użu tal-istrumenti finanzjarji tal-UE u tippreżenta direttiva qafas dwar il-kura fit-tul, formali u informali, li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali u tipprovdi kriterji bbażati fil-komunità għal servizzi ta' kura u appoġġ fit-tul ta' kwalità li jkunu aċċessibbli u integrati fl-UE kollha;
62. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu reġistri nazzjonali, rikonoxxuti reċiprokament, tal-fornituri tas-servizz tal-kura, sabiex jimmonitorjaw l-istandards minimi u r-rekwiżiti

⁸⁶ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7724>

legali; jieħu nota tas-sistemi jew il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni f'xi Stati Membri li jirrikonoxxu l-kwalifiki u l-kompetenzi tal-persuni li jagħtu l-kura fit-tul foqsmha speċifiċi tal-għoti tal-kura; jinsisti fuq ir-rwol kruċjali tat-taħriġ għall-persuni li jindukraw b'mod formali u informali kif ukoll kontrolli tal-kwalità aktar b'saħħithom u sistemi ta' informaturi għal ktajjen tal-kura mingħajr skop ta' qligħ u bi skop ta' qligħ għall-għoti ta' kura fit-tul ta' kwalità;

63. Jirrimarka li r-riskju li l-ħtiġijiet ta' kura fit-tul tagħhom ma jiġux issodisfati huwa partikolarment għoli għan-nisa akbar fl-età, li jirrappreżentaw maġġoranza tal-popolazzjoni li jkollhom bżonn il-kura fit-tul; jenfasizza li anke n-nisa jesperjenzaw l-akbar diffikultajiet biex ikopru l-ispejjeż tal-kura fit-tul minħabba d-differenzi persistenti bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, il-faqar fost in-nisa, is-segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-suq tax-xogħol, il-fatt li jieqfu mill-karriera u jinterrompuha aktar spiss minħabba rwoli tradizzjonali persistenti tal-ġeneru fejn in-nisa jkomplu jassumu l-biċċa l-kbira tal-obbligi ta' kura, l-istrutturi tas-suq tax-xogħol u l-istereotipi, kif ukoll ir-rappreżentanza żejda tagħhom f'xogħol prekarju jew part-time; jinsab imħasseb dwar il-fatt li b'mod partikolari l-għażla tal-fornitur tal-kura inizjali minn riċevituri tal-kura u dawk qrib tagħhom għandha t-tendenza li ssir f'kuntast ta' stress, restrizzjonijiet finanzjarji u disponibbiltà limitata tas-servizzi⁸⁷;

Kura informali

64. Jinnota li fl-UE kollha, bejn 40 u 50 miljun ruħ qed jipprovdu kura informali fuq bażi regolari u 44 miljun kura fit-tul mill-inqas darba fil-gimgha⁸⁸, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, inklużi nisa b'diżabilità li jammontaw għal madwar 60 % tal-persuni li jindukraw b'mod informali u jipprovdu kura informali għal aktar sigħat mill-irġiel⁸⁹; jinnota li dan iservi ta' xkiel għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jista' jillimita l-possibbiltà li wieħed jaħdem formalment speċjalment għal persuni iżgħar fl-età li jindukraw;
65. Jinnota li l-kura informali spiss hija konsegwenza tan-nuqqas ta' disponibbiltà u aċċessibbiltà tas-servizzi professjonali u, fost l-oħrajn, għandha t-tendenza li tkompli għal żmien twil u jista' jkollha riperkussjonijiet fuq it-tgawdija tad-drittijiet politiċi, ċivili, ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-persuni li jindukraw b'mod informali, inklużi inqas opportunitajiet ta' karriera jew aċċettazzjoni ta' impjiegi taħt il-livell ta' ħilet tagħhom u tfixkel jew teskludi l-parteċipazzjoni formali fis-suq tax-xogħol; jinsab partikolarment imħasseb dwar l-impatt negattiv tar-responsabbiltajiet ta' kura fuq l-indipendenza finanzjarja tan-nisa, kif ukoll dwar ir-riskju akbar ta' faqar, esklużjoni soċjali, kwistjonijiet ta' saħħa mentali u fiżika;
66. Jinnota li t-twettiq tal-kura informali jista' jwassal għal telf ta' introjtu, aggravament tad-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, bħad-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, il-faqar fix-xjuħija u l-femminizzazzjoni tal-faqar; jisħaq li dawn l-effetti detrimentali huma assoċjati mill-qrib mal-intensità tal-kura pprovduta u jenfasizza l-

⁸⁷ Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea (2021), "Long-term care report: Trends, challenges and opportunities in an ageing society" (Rapport dwar il-kura fit-tul: Xejriet, sfidi u opportunitajiet f'soċjetà li qed tixjieħ), volum 1

⁸⁸ Eurofound (2020): Long-term care workforce: Employment and working conditions (Forza tax-xogħol tal-kura fit-tul: Impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol

⁸⁹ Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja (2021) studju tal-PE mitlub mill-Kumitat EMPL. Policies for long-term carers (Politiki għal persuni li jindukraw fit-tul)

ħtieġa li jiġi kondiviż aħjar ix-xogħol domestiku u ta' kura mhux imħallas imwettaq prinċipalment min-nisa u tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-istereotipi tal-ġeneri, kif ukoll li jiġu introdotti arranġamenti tax-xogħol li jirrispettaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

67. Jinnota li fl-UE, mill-persuni akbar fl-età ta' 65 sena jew aktar, aktar minn 7 miljun persuna, 8 %, jirċievu kura informali fl-UE u għal persuni li għandhom 75 sena jew aktar, l-għadd ta' persuni li jiddependu fuq il-kura informali jammonta għal 11 %⁹⁰; jinnota li l-maġġoranza tal-persuni akbar fl-età li jkollhom bżonn il-kura huma nisa;
68. Jinnota li biex in-nies ikunu jistgħu jkomplu jiġu indukrati fi djarhom stess, jeħtieġ li l-kura u l-appoġġ mobbli jiġu estiżi u żviluppatti aktar biex jittaffu l-kompiti ta' kura ta' dawk li jieħdu ħsieb il-familja, speċjalment in-nisa, mhux biss permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni iżda wkoll permezz ta' appoġġ adegwat, inkluż kumpens finanzjarju, biex b'hekk il-qraba li jipprovdu kura jkunu jistgħu jkomplu bl-impjieġ tagħhom u jaħdmu lejn il-kompatibbiltà tal-kura u x-xogħol imħallsa; jenfasizza r-rwol ċentrali tal-persuni li jindukraw b'mod informali u l-ħtieġa li l-persuni li jindukraw b'mod informali jkunu involuti mill-qrib u appoġġjati minn professjonisti tal-kura, u jisħaq li l-persuni li jindukraw b'mod informali jrid ikollhom il-ħtiġijiet tagħhom ivvalutati u indirizzati fihom infushom, mingħajr ma jkunu jiddependu fuq is-servizzi jew l-appoġġ tal-persuna indukrata;
69. Jinnota li mill-inqas 8 % tat-tfal kollha fl-Ewropa huma involuti fil-forniment ta' kura informali fit-tul, ħaġa li għandha impatt negattiv fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom, il-livell edukattiv milħuq, l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni futura tagħhom fis-suq tax-xogħol⁹¹;
70. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata definizzjoni Ewropea komuni għall-kura informali, impenn mill-Istati Membri, u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura informali, inklużi rakkomandazzjonijiet nazzjonali; jisħaq fuq il-fatt li din id-definizzjoni għandha tenfasizza li l-għoti ta' kura informali jrid ikun għażla u ma jirriżultax mill-ħtieġa u n-nuqqas ta' servizzi ta' kura disponibbli, u li tinkludi r-rispett għad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-persuni li jirċievu l-kura fl-għażla tagħhom tal-forma ta' kura li jixtiequ jirċievu;
71. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ b'linji gwida Ewropej komuni u l-istatus u l-appoġġ għall-persuni li jindukraw b'mod informali peress li l-kura informali bħalissa mhijiex rikonoxxuta u stmata b'mod adegwat fid-diversità kollha tagħha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu politiki attivi tax-xogħol u tal-impjieġi mmirati lejn persuni li jindukraw b'mod informali mhux imħallsa, biex jappoġġjaw ir-riintegrazzjoni u l-progress tagħhom fis-suq tax-xogħol u jirrikonoxxu l-ħiliet miksuba f'ambjenti informali;

⁹⁰ Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja (2021) studju tal-PE mitlub mill-Kumitat EMPL. Policies for long-term carers (Politiki għal persuni li jindukraw fit-tul)

⁹¹ Santini, Succi et al. (2020): Positive and Negative Impacts of Caring among Adolescents Caring for Grandparents. Results from an Online Survey in Six European Countries and Implications for Future Research, Policy and Practice (Riżultati minn Stharriġ Online f'Sitt Pajjiżi Ewropej u Implikazzjonijiet għar-Riċerka, il-Politika u l-Prattika Futuri), (<https://me-we.eu/wp-content/uploads/2020/10/Positive-and-Negative-Impacts-of-Caring.pdf>).

72. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill Programm Ewropew għall-Persuni li Jindukraw u bħala parti minnu programm Ewropew ta' Persuni li Jindukraw b'Mod Informali b'pakkett ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE dwar il-kura informali, u, fejn il-kompetenzi jkunu fil-livell nazzjonali, jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw din l-istrateġija Ewropea permezz ta' azzjonijiet ambizzjużi u kkoordinati u programmi nazzjonali biex jidentifikaw u jirrikonoxxu t-tipi differenti ta' kura informali pprovduta fl-Ewropa, u jidentifikaw ħtiġijiet differenti ta' gruppi differenti ta' persuni li jindukraw, inklużi zgħażaġh li jindukraw u persuni mobbli li jindukraw biex jiġi ffaċilitat il-fatt li l-impjiegi jiġu ddikjarati u tiġi żgurata kopertura tal-assigurazzjoni u tal-protezzjoni soċjali, irrispettivament mis-sitwazzjonijiet u l-istatus differenti ta' residenza jew amministrattivi tagħhom;
73. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-formalizzazzjoni tal-kura informali u l-għażliet differenti ta' appoġġ finanzjarju abbażi tal-ħtiġijiet u r-realtajiet differenti tagħhom, bil-ħsieb li jiggwarantixxu standards tajbin ta' drittijiet, appoġġ finanzjarju u protezzjoni soċjali lill-persuni li jindukraw;
74. Ifakkar li dan ta' hawn fuq jista' jinkiseb pereżempju permezz ta' krediti ta' kura jew pensjoni biex jiġu protetti dawk li jieqfu mill-impjeg biex jipprovdu kura lil membru tal-familja jew lil xi ħadd ieħor li jkollhom bżonn il-kura, u billi jiġi rikonoxxut il-valur tax-xoġhol li dawn il-persuni li jindukraw jagħmlu għas-soċjetà kollha kemm hi permezz ta' servizzi ta' appoġġ addizzjonali oħra (konsulenza jew skambju bejn il-pari), ħin liberu stipulat b'mod ċar għall-persuni li jindukraw, bilanċ tajjeb bejn ix-xoġhol u l-ħajja privata, liv, servizzi ta' sostituzzjoni f'każ ta' mard, servizzi ta' kura matul il-jum, servizzi ta' riintegrazzjoni fl-impjiegi, servizzi psikoloġiċi u ta' riabilitazzjoni għall-persuni li jindukraw u għal riċevituri tal-kura, u l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, u jissottolinja l-importanza ta' liv tal-ġenituri mhux trasferibbli; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jikkunsidraw u jiskambjaw ukoll l-aħjar Prattiki dwar kif jiġu riflessi l-perjodi mqattgħin fuq ir-responsabbiltajiet tal-kura fl-iskemi tal-pensjoni u jittrasponu malajr u bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xoġhol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, li tintroduċi liv għall-persuni li jindukraw u l-possibbiltà li jintalbu arranġamenti ta' ħin tax-xoġhol flessibbli, ammont minimu ta' jiem ta' liv għall-persuni li jindukraw sabiex jiġu pprovduti kura jew appoġġ personali lil qarib jew lil persuna li tgħix fl-istess unità domestika bħall-ħaddiem;
75. Jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw kif l-aħjar jifformalizzaw l-għoti ta' kura informali u għalhekk il-ġbir tad-dħul f'dan il-qasam⁹², inklużi sistemi ta' tnaqqis tat-taxxa u l-użu ta' kupuni tas-servizz;
76. Jissottolinja li dan il-pakkett ta' azzjonijiet dwar il-kura informali jeħtieġ li jinkludi kemm proposti leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi u investment adegwat biex jiġu rikonoxxuti d-drittijiet u l-obbligi tal-persuni li jindukraw b'mod informali bħala parti mir-rwol tagħhom, filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-persuni li jirċievu l-kura u jiġu stabbiliti ċerti kriterji għall-aċċess tal-persuni li jindukraw għal servizzi ta' appoġġ soċjali u servizzi addizzjonali oħra ta' appoġġ (inkluż il-ħin liberu u

⁹² Għal skopijiet ta' dħul pubbliku, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-aħjar mod biex jifformalizzaw l-impjeg, u b'dak il-mod il-ġbir tad-dħul li jirriżulta minn dan l-impjeg. Meta jagħmlu dan, huma għandhom iqisu fil-kalkoli s-sistemi ta' tnaqqis tat-taxxa u l-użu ta' kupuni tas-servizz.

l-liv minħabba mard); jenfasizza l-istress fuq is-saħħa mentali u fiżika assoċjat mal-għoti tal-kura, u jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess tal-persuni li jindukraw għall-informazzjoni u l-pariri dwar il-kura u l-bilanċ bejn l-għoti tal-kura u l-ħajja privata; jissottolinja li l-pakkett ta' azzjonijiet jeħtieġ ukoll li jstabbilixxi responsabbiltajiet ta' rappurtar għall-Istati Membri, joħloq punti uniċi ta' kuntatt fejn dawk li jindukraw b'mod informali jista' jkollhom aċċess għall-appoġġ li jeħtieġu fl-Istati Membri kollha u jippromwovu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali sabiex isir użu mid-data eżistenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv li jiffaċċjaw il-persuni li jindukraw b'mod informali;

77. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lis-sħab soċjali biex jiżguraw ir-rappreżentanza tal-persuni li jindukraw b'mod informali sabiex iqisu l-kontributi tagħhom fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-politiki dwar il-kura informali, inkluż fl-abbozzar tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura;
78. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi indirizzata d-dipendenza żejda fuq il-kura informali permezz tal-formalizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet tal-persuni li jindukraw permezz ta' proċess ta' ċertifikazzjoni u l-promozzjoni ta' skemi ta' taħriġ u ta' validazzjoni tal-ħiliet, li jippermettu l-avvanz, ir-rikonoxximent reċiproku tal-ħiliet, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' attivitajiet immirati ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza li dawn l-isforzi għandhom jagħmlu użu, fost l-oħrajn, mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, mill-Patt għall-Ħiliet, mill-FSE+, mill-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, u mill-EU4Health; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xoġhol tal-ħaddiema li jkunu għamlu waqfa twila fil-karriera biex jipprovdu kura lill-qraba;
79. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isfidi li jillimitaw l-aċċess għal kura xierqa għal persuni b'mard speċifiku li jirrikjedi livell oġhla ta' kura bħall-mard rewmatiku u muskuloskeletal (RMDs); jenfasizza li għall-persuni b'RMDs, l-akbar ostaklu fl-aċċess għal kura xierqa huwa n-nuqqas ta' rewmatologi u ta' taħriġ mediku fir-rewmatologija fl-Istati Membri; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jagħmlu r-Rewmatoloġija element standard tal-kurrikulu dwar it-taħriġ mediku u jżidu l-għadd ta' rewmatologi prattikanti;

Kundizzjonijiet tax-xoġhol deċenti għall-ħaddiema kollha fis-settur tal-kura

80. Ihegġegħ lill-Istati Membri jpoġġu livelli adegwati ta' persunal u investment fil-persunal tal-kura fiċ-ċentru tal-politiki tal-kura tagħhom, u jappoġġjaw il-ħolqien ta' impjieġi ta' kwalità fis-settur; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-attraenza tal-okkupazzjonijiet tal-kura (AM 902, 816) billi jiżguraw ir-rikonoxximent soċjali, kundizzjonijiet tax-xoġhol deċenti u remunerazzjoni ġusta, inklużi sigħat tax-xoġhol adegwati, li bħala konsegwenza jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti ta' ħaddiema u jnaqqsu l-ħtieġa ta' xoġhol b'avviż qasir, telfien rapidu u drastiku tal-forza tax-xoġhol, speċjalment fir-reġjuni u l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti minħabba l-eżodu tal-kura, u jżidu r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura għall-futur filwaqt li joħolqu l-impjieġi fis-settur;
81. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-ħolqien ta' tali impjieġi ta'

kwalità fis-settur, fost l-oħrajn, b'perkorsi tal-karriera u opportunitajiet ċari, sostenibbli u attraenti għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet, li jippermettu żvilupp professjonali u personali permanenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu inizjattivi konkreti u jipprovdu inċentivi li jagħmlu x-xogħol fis-settur tal-kura aktar attraenti wkoll għaż-żgħażaġh u jinkoraġġixxu distribuzzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri tal-professjonijiet tal-kura;

82. Jieħu nota tal-isfidi addizzjonali relatati maż-żieda fis-sehem ta' xogħol fuq pjattaforma diġitali fis-settur tal-kura; jisħaq li d-Direttiva Ewropea dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-ekonomija tal-pjattaformi għandhom jikkunsidraw kif xieraq in-natura speċifika tax-xogħol tal-kura, u dan jipprovdi standards minimi għall-kwalità tas-servizzi u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema;
83. Jirrikonoxxi li l-kura spiss qed tiġi pprovduta b'kundizzjonijiet mhux iddikjarati jew mhux iddikjarati biżżejjed, b'kundizzjonijiet ta' sfruttament li għandhom impatt fuq id-drittijiet u l-benesseri tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom, kif ukoll fuq ir-riċevituri tal-kura; jinsab imħasseb ukoll dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jindukraw u li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu, li huma prinċipalment nisa, inklużi nisa migranti, li ħafna minnhom jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni mhux ċari, riskju ta' iżolament soċjali u n-nuqqas ta' mekkaniżmi għal infurzar xieraq tad-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni ta' xogħol mhux iddikjarat fis-settur tal-kura u joħlqu qafas legali ċar biex jipromwovu impjiegi ta' kwalità b'kopertura tal-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha fis-settur tal-kura;
84. Jisħaq li x-xogħol deċenti għandu jkun parti integrali meta jiġu definiti l-prijoritajiet dwar sistemi ta' kura sostenibbli u ta' kwalità; jenfasizza li r-riċevituri ta' finanzjament, self u kuntratti pubbliċi tal-UE u nazzjonali għandhom jirrispettaw il-liġi tax-xogħol applikabbli u standards b'saħħithom;
85. Jistieden lil dawk l-Istati Membri, bħala membri tal-ILO, li għadhom ma rratifikawx u ma implimentawx il-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO biex dan jagħmluh, partikolarment nru 189 fir-rigward tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi, nru 190 dwar il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol u nru 149 dwar il-persunal tal-infermiera;
86. Jinsab imħasseb dwar is-sehem għoli ta' paga minima u ta' dawk li jaqilgħu inqas mill-minimu fost il-professjonisti fis-settur tal-kura, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, u d-differenzi persistenti sussegwenti bejn il-ġeneri fil-pagi u d-diskrepanzi fil-livelli tal-pagi ta' professjonijiet speċifiċi fis-settur tal-kura⁹³; jilqa', għalhekk, il-proposti tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati, li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fl-UE, inkluż għall-ħaddiema bl-inqas paga mħallsa fis-settur tal-kura, u għal Direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi, li tindirizza l-infurzar inadegwat

⁹³ Eurofound (2021), Understanding the gender pay gap: What difference do sector and occupation make? (Eurofound, Nifhmu d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi: X'differenza jagħmlu s-settur u l-okkupazzjoni?) Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, Eurofound (2021), Minimum wages in 2021. Annual review, Minimum wages in EU series (Pagi minimi fl-2021. Analiżi annwali, Serje dwar il-pagi minimi fl-UE, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

b'mod persistenti tad-dritt fundamentali għal paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali fl-UE; jisħaq li sabiex tiġi aġġustata l-paga baxxa fis-settur tal-kura ddominat ħafna min-nisa, il-valur soċjoekonomiku tax-xogħol ta' kura jrid jiġi vvalutat mill-ġdid meta mqabbel mal-valur tax-xogħol f'setturi oħra li spiss ikunu ddominati aktar mill-irġiel abbażi ta' kriterji oġġettivi permezz ta' għodod ta' evalwazzjoni jew klassifikazzjoni tax-xogħol newtrali fir-rigward tal-ġeneru bħar-rekwiżiti edukattivi, professjonali u ta' taħriġ, il-ħiliet, l-isforz, ir-responsabbiltà, ix-xogħol imwettaq u n-natura tal-kompiti involuti; jenfasizza li komparatur validu huwa parametru importanti biex jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jistax jitqies ta' valur ugwali; fil-każ fejn ma jeżisti l-ebda komparatur tal-ħajja reali (bħalma huwa spiss il-każ fis-setturi ddominati ħafna min-nisa), jista' jintuża komparatur ipotetiku; iħeġġeġ kemm lill-fornituri tas-servizzi tal-kura pubbliċi kif ukoll privati jiggerantixxu remunerazzjoni deċenti u adegwata, lil hinn mill-pagi minimi; jisħaq li ż-żidiet fil-pagi huma assoċjati ma' reklutaġġ akbar ta' ħaddiema fis-settur tal-kura fit-tul, żamma tal-impieg għal perjodu ta' żmien itwal u dawran aktar baxx skont l-OECD⁹⁴; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipromwovu riformi biex jirrikonoxxu d-drittijiet tal-persuni li jindukraw u tar-riċevituri tal-kura u jimplimentaw azzjonijiet biex jiproteġu d-drittijiet fundamentali tax-xogħol u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fis-settur tal-kura u billi jindirizzaw is-sitwazzjonijiet spiss prekarji li jiffaċċjaw bħall-informalità, is-siġhat twal tax-xogħol, il-paga mhux adegwata, nuqqas ta' taħriġ u politiki ħżiena dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u każijiet ta' abbuż, fastidju u vjolenza fost l-oħrajn;

87. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll ta' programmi għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet inklużivi tal-ħaddiema għall-provvista ta' servizzi ta' kura ta' kwalità u l-professjonalizzazzjoni tal-kura fir-rigward tal-evoluzzjoni kontinwa ta' professjonisti u servizzi tal-kura; jissottolinja r-rwol ċentrali tat-taħriġ edukattiv u fuq il-post tax-xogħol imħallas anke fil-proċess ta' tranżizzjoni minn kura residenzjali għal kura bbażata fil-komunità u f'familji; jinoraġġixxi bil-qawwa lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-fondi tal-UE (FSIE u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew+, kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza), biex jipprovdu taħriġ lill-persunal tal-kura dwar id-drittijiet tal-persuni li jkollhom bżonn il-kura u appoġġ, b'mod partikolari d-drittijiet minquxa fil-UNCPRD u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jesprimi dispjaċir għall-fatt li d-Direttiva tal-UE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ma tistabbilixxix rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ għall-ħaddiema fis-settur tal-kura fit-tul, u dan ixekkel ir-rikonoxximent awtomatiku ta' dawn il-ħaddiema fl-Unjoni kollha;
88. Jenfasizza li x-xogħol ta' kura huwa servizz essenzjalment interpersonali li jirrikjedi firxa ta' ħiliet kumplessi, li wħud minnhom mhumiex rikonoxxuti u remunerati; jisħaq li r-rwol tal-persuni li jindukraw għandu jkun, fuq kollox, li jipprovdu kura u appoġġ lir-riċevituri tal-kura, u għalhekk iqis neċessarju li titnaqqas il-burokrazija żejda u jiġi evitat li jiġu assenjati kompiti amministrattivi mhux meħtieġa lill-persuni li jindukraw; jisħaq li ċerti kompiti mediċi jistgħu jinqas bejn il-professjonisti tas-saħħa u jissottolinja l-benefiċċji ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-professjonisti tal-kura u tas-saħħa, bħal distribuzzjoni aħjar tal-ammont ta' xogħol, aktar ħin għar-riċevituri tal-kura u l-kontinwità tal-kura, kif ukoll Prattiki multidixxiplinari u armonizzazzjoni tal-

⁹⁴ <https://www.oecd-ilibrary.org/docserver/92c0ef68-en.pdf?expires=1647941287&id=id&ocname=ocid194994&sum=D863115B583D2A82CECF11D7D54A37B1>

perkorsi tal-karriera;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Inizjattiva tal-UE għall-Ħiliet għall-Kura biex tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għall-professjonisti fis-settur tal-kura, jidentifikaw id-diskrepanzi u l-ħtiġijiet tal-ħiliet, il-prattiki promettenti u l-inizjattivi ta' suċċess, kif ukoll tipprovdi qafas għar-rikonoxximent u ċ-ċertifikazzjoni ta' għarfien espert, ħiliet u kwalifiki miksuba permezz ta' esperjenza bħal permezz ta' xogħol ta' kura informali, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal impjeg formali fis-settur; jistieden lill-Istati Membri jsegwu l-Aġenda tal-UE għall-Ħiliet biex jiżguraw aktar taħriġ fil-ħiliet u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fis-settur tal-kura, u jappoġġjaw u jipprovdu opportunitajiet pubbliċi għall-persuni kollha li jindukraw, inklużi l-migranti li jindukraw b'mod informali u l-ħaddiema fis-settur tal-kura, biex jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u jiksbu kwalifiki, b'attenzjoni partikolari għan-nisa wara l-liv għall-kura ta' persuni;
90. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jinfurzwaw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u d-dritt għall-ħaddiema kollha li jistabbilixxu u jissieħbu ma' trade union rappreżentattiva u jimpenjaw ruħhom f'negozjar kollettiv fis-settur tal-kura, kemm formali kif ukoll informali, u jadottaw standards għoljin ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, f'konformità mal-ambizzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-2021-2027 adottat reċentement u lil hinn minnha; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lill-isfidi speċifiċi tax-xogħol fis-settur tal-kura, li jinkludi l-esponiment tal-ħaddiema għal sustanzi perikolużi jew prodotti mediċinali, xogħol f'ambjenti potenzjalment infettivi, kif ukoll riskji mentali u psikosoċjali relatati ma' xogħol emozzjonalment impenjattiv u li jiltaqgħu ma' mġiba soċjali avversa (AM 848), sabiex jiġu evitati inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, u ma' dan assenteiżmu, dawran u saħħa fqira tal-ħaddiema;
91. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-COVID-19 bħala marda okkupazzjonali fis-settur tal-kura; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kull fornitur tas-servizzi tal-kura jħejji programm għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Infezzjonijiet u jiggarrantixxu taħriġ annwali dwar il-mard infettiv għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, kif ukoll jipprovdu lill-ħaddiema b'informazzjoni aġġornata dwar il-mard infettiv;
92. Ifakkar li ċerti prodotti mediċinali li jintużaw regolarment mill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa fihom sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol; ifakkar, f'dan il-kuntest, fir-raba' reviżjoni ta' din id-Direttiva u l-inklużjoni ta' xogħol li jinvolvi esponiment għal prodotti mediċinali perikolużi; jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni prevista fl-2022 tal-linji gwida għall-immaniġġjar ta' dawk is-sustanzi, kif ukoll għall-iżvilupp ta' definizzjoni u lista indikattiva ta' tali Prodotti Mediċinali Perikolużi;
93. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġjaw ambjenti ta' xogħol adattati għall-età; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tgħolli l-livell ta' ambizzjoni u tipproponi direttiva usa' u aktar komprensiva dwar prevenzjoni u ġestjoni aħjar ta' disturbi muskuloskeletalni u mard reumatiku relatati max-xogħol, kif ukoll timmitiga r-riskji psikosoċjali u l-effetti negattivi tax-xogħol ta' kura fuq il-benesseri tal-

ħaddiema li kienu partikolarment qawwija matul il-pandemija;

94. Jisħaq li l-istrateġija Ewropea għall-kura għandha, fost l-oħrajn, tindirizza b'mod komprensiv l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u l-effetti tax-xogħol remot u t-telexogħol fuq is-saħħa mentali, kif ukoll fuq l-ammont u d-diviżjoni inugwali tal-kura u tax-xogħol tad-dar mhux imħallsa; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol;
95. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu standards minimi għal xogħol ta' kura residenzjali fl-oqsma bħal: il-ħinijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni u l-akkomodazzjoni tal-persuni li jindukraw, sabiex titqies l-ispeċifità tax-xogħol tagħhom; speċjalment il-fatt li wieħed jgħix u jaħdem f'unità domestika komuni ma' persuna li jkollhom bżonn il-kura; għandu jiġi kkalkolat ħin medju tax-xogħol peress li l-persuni li jindukraw jaħdmu bix-xiftijiet; il-livell ta' remunerazzjoni għandu jiddependi mill-ħtiġijiet tal-kura kif ukoll mill-ħiliet tal-persuni li jindukraw; il-persuni li jindukraw fid-djar li jgħixu flimkien mad-dipendenti għandu jkollhom aċċess għal kamra separata, aċċess għat-tojlit, għall-keċina u, jekk possibbli, għall-internet;
96. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu d-djalogu soċjali u jippromwovu n-negożjar kollettiv u l-ftehimiet kollettivi fis-settur tal-kura, pubbliku u privat, kemm bi skop ta' qligħ kif ukoll mingħajr skop ta' qligħ, istituzzjonali kif ukoll f'ambjenti bbażati fil-komunità u f'familja bħala mekkaniżmi kruċjali għat-tiġib tal-kundizzjonijiet tal-impjeg u tax-xogħol u biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, u bħala l-iktar għodod effettivi biex tiġi żgurata żieda fil-paga minima u fil-pagi b'mod ġenerali;
97. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kopertura usa' tan-negożjar kollettiv u jiżguraw id-dritt u l-libertà ta' assoċjazzjoni fis-settur tal-kura billi jipprovdu aċċess akbar u aktar informazzjoni lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions li jfittxu li jirrappreżentaw u jibnu sħubija fost il-forza tax-xogħol fis-settur tal-kura, u billi jeliminaw l-ostakoli kollha għall-ħolqien ta' trade unions kif ukoll ostakoli bla bżonn fil-postijiet tax-xogħol tas-settur pubbliku, inklużi l-kuntratturi privati li jaħdmu fuq kuntratti pubbliċi, li jimpedixxu l-kapaċità tal-unions li jorganizzaw ħaddiema tas-settur pubbliku u jżidu s-sħubija tagħhom; jisħaq li speċjalment il-ħaddiema mobbli, li spiss jaħdmu bħala persuni li jindokraw u jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu u li jridu jkunu disponibbli 24 siegħa f'ġurnata, mhumiex konxji jew informati biżżejjed dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għalihom; jenfasizza li l-ftehimiet kollettivi għandhom, fost affarijiet oħra, jiżguraw id-drittijiet tal-pensjoni tal-ħaddiema li jeħtieġu li jnaqqsu l-impjeg mhux imħallas jew jitolqu mill-impjeg sabiex jieħdu ħsieb persuni oħra;
98. Ifakkar li l-ħaddiema mobbli u migranti, inklużi l-ħaddiema mingħajr dokumenti, għandhom rwol sinifikanti fl-għoti ta' kura residenzjali, ibbażata fil-komunità u f'familji fl-UE; jemmen li dan il-fatt għandu jiġi rifless u indirizzat kif xieraq fl-Istrateġija Ewropea għall-Kura li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' xogħol mhux iddikjarat u forom illegali ta' impjeg, u jistabbilixxu azzjonijiet konkreti għalihom, filwaqt li jippromwovu xogħol deċenti għall-ħaddiema kollha fis-settur tal-kura, irrispettivament mill-istatus tagħhom; jisħaq li l-ħaddiema migranti jiffaċċjaw vulnerabilità u sfidi speċifiċi, bħall-aċċess

għall-permess tax-xogħol jew għall-impjieg formali, il-kopertura tal-protezzjoni soċjali u r-riskju ta' xogħol mhux iddikjarat; jappella għall-protezzjoni tagħhom permezz tal-applikazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

99. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mobilità u reklutaġġ ġusti ta' ħaddiema mill-UE u minn pajjiżi terzi billi jtejbu r-rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki tagħhom u billi jeliminaw id-diskrepanzi fil-protezzjoni soċjali tranżnazzjonali; itenni l-appell tiegħu biex jiġu mmonitorjati u infurzati kif xieraq ir-regoli li jikkonċernaw il-mobilità u li l-ħaddiema jiġu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom; jisħaq fuq ir-rwol tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol meta tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar effettivi tal-liġi tal-UE relatata mal-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat li ssir reviżjoni tal-mandat tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol fil-kuntest tal-evalwazzjoni mistennija fl-2024, biex jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-EU-OSHA u lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol jaħdmu flimkien biex jappoġġjaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-titjib tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema mobbli u migranti; jisħaq li l-ħaddiema tal-kura residenzjali huma fil-biċċa l-kbira organizzati permezz ta' katina kumplessa ta' aġenziji li jistazzjonaw ħaddiema, u li għalhekk huma koperti mid-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Haddiema⁹⁵;
100. Jirrikonoxxi r-rwol tal-ħaddiema tas-servizzi personali u domestiċi biex jiggarantixxu li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom għażla ġenwina tal-mudell tal-kura preferut tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza fl-istrateġija Ewropea għall-kura l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg diffiċli tal-ħaddiema personali u domestiċi kollha, inklużi l-ħaddiema tal-kura u ta' servizzi personali u domestiċi oħra, u tistabbilixxi l-bażi għar-rikonossiment, ir-regolamentazzjoni u l-professjonalizzazzjoni tas-servizzi personali u domestiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod effettiv ix-xogħol mhux iddikjarat fis-settur tal-kura billi jiggarantixxu protezzjoni soċjali, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u deċenti u joħolqu opportunitajiet ġodda ta' xogħol fis-setturi tal-kura domestika; jitlob li ssir reviżjoni mmirata tad-Direttiva 89/391/KEE biex tiġi żgurata l-inklużjoni tal-ħaddiema domestiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha; jistieden lill-Istati Membri jippreżentaw qafas adegwat għad-dikjarazzjoni tas-servizzi personali u tal-unitajiet domestiċi, bħal skemi tal-kupuni għal servizzi, jiżviluppaw mekkaniżmi u għodod għal monitoraġġ aħjar tax-xogħol tal-kura domestika u jinvestu f'servizzi professjonali ta' kwalità mfassla apposta biex iwaqqfu l-prekarjetà tal-kura u jiskoraġġixxu l-użu ta' servizzi tal-kura li jinvolvu xogħol mhux iddikjarat;
101. Jappella, għalhekk, lill-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw malajr u b'mod sħiħ id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u jinkoraġġihom imorru lil hinn mill-istandards minimi stabbiliti fid-Direttiva; jisħaq li sehem ugwali biss ta' responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' perjodi ta' liv ugwali, mhux trasferibbli u mħallsa b'mod adegwat jippermetti lin-nisa jidħlu dejjem iktar f'impjieg full-time u jiksbu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll żvilupp personali u soċjali; jenfasizza wkoll l-importanza tal-promozzjoni ta' flessibilità addizzjonali tal-arranġamenti tax-xogħol għal gruppi ta' ħaddiema, bħal ġenituri bi tfal

95

https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/report_on_the_eesc_country_visits_to_uk_germany_italy_pol_and_0.pdf

żgħar, ġenituri waħedhom, ġenituri b'diżabilità u ġenituri ta' tfal b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw tul ta' żmien minimu għal-liv tal-maternità u tal-paternità, irrispettivament mill-istatus tal-persuna kkonċernata; ifakkar li l-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandhom iħeġġu lill-irġiel jassumu responsabbiltajiet ta' kura fuq bażi ugwali man-nisa u jisħaq fuq il-ħtieġa li progressivament navvanzaw lejn liv tal-maternità u tal-paternità mħallas bis-sħiħ u ugwali; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri kollha biex jinkoraġġixxu u jiżguraw li l-missirijiet ikunu jistgħu jieħdu l-liv tal-paternità tagħhom mingħajr biża' ta' mġiba avversa jew diskriminatorja mill-impjegaturi tagħhom, li huwa mod effettiv kif jiġu mħeġġa jaċċettaw ir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb it-tfal u l-familji tagħhom u mezz utli biex tinkiseb ugwaljanza ġenwina bejn il-ġeneri; jenfasizza li dan mhux biss jirrikjedi iżda se jikkawża wkoll bidliet fl-istereotipi u fin-normi tal-ġeneru, u jwassal għal soċjetà aktar ġusta u ugwali bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu azzjonijiet trasformattivi bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-responsabbiltà konġunta tal-kura, u jeliminaw l-idea bbażata fuq l-istereotip li n-nisa huma responsabbli għal dan ix-xogħol;

102. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw sett ta' miżuri u inċentivi komprensivi biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema, speċjalment in-nisa, li l-karriera u l-introjtu tagħhom huwa affettwat aktar spiss minn rwoli mhux ugwali tal-ġeneri u perjodi ta' liv għall-kura, inkluża l-applikazzjoni tagħhom jew waqfiet itwal fil-karriera u biex jiggarantixxu d-dritt tal-ħaddiema li jirritornaw għall-istess pożizzjoni jew għal pożizzjoni ekwivalenti;
103. Jistieden lill-Istati Membri biex, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, jappoġġjaw perkorsi tal-karriera sabiex jiffaċilitaw adattamenti għas-sitwazzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' tagħlim tul il-ħajja u taħriġ vokazzjonali, benefiċċji tal-qgħad xierqa, it-trasferibbiltà tad-drittijiet soċjali, u politiki attivi u effettivi fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jiggarantixxu protezzjoni effettiva u paga ugwali għall-irġiel u n-nisa, permezz ta' leġiżlazzjoni trasformattiva dwar il-ġeneru u reazzjonijiet ta' politika li jkollhom l-għan li jindirizzaw l-impjieg prekarju, is-sottovalutazzjoni tax-xogħol ta' ċerti setturi femminizzati bħall-kura u jiggarantixxu perkorsi tal-karriera u kopertura xierqa tas-sigurtà soċjali; itenni li l-persuni fir-relazzjonijiet kollha ta' impjieg u dawk li jaħdmu għal rashom għandhom ikunu jistgħu jakkumulaw intitolamenti li jipprovdu s-sigurtà tal-introjtu f'ċirkostanzi bħalma huma l-qgħad, il-mard, età avvanzata, interruzzjonijiet fil-karriera għat-trobbija tat-tfal jew sitwazzjonijiet oħra ta' kura, jew minħabba raġunijiet ta' taħriġ f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom;
104. Jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, jiġifieri ż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, dwar il-kura tat-tfal (reviżjoni tal-miri ta' Barcellona) u dwar il-kura fit-tul u tippreżenta Patt dwar il-Kura għall-Ewropa wara l-Istrateġija għall-Kura, li għandu jinkludi sett ta' politiki, programmi, rakkomandazzjonijiet u investiment fil-livell tal-UE, bil-għan li titrawwem tranżizzjoni lejn ekonomija tal-kura trasformattiva fir-rigward tal-ġeneru li tirrikonoxxi l-kura bħala dritt u tivvalutaha bħala s-sinsla tas-soċjetà tagħna; jenfasizza li dan għandu jieħu approċċ integrat, olistiku u tul il-ħajja għall-kura u jippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u pagi ġusti, iżid l-attrazzjoni tax-xogħol fis-settur tal-kura kif ukoll jindirizza d-diskriminazzjoni, l-

inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-faqar tal-ġeneri fis-settur;

Nirrikonoxxu u nivvalutaw ir-rwol tal-kura fis-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna

105. Jisħaq fuq l-akbar importanza li jiġu integrati l-kura u l-miżuri għall-emanċipazzjoni u l-iżvilupp professjonali tan-nisa bħala persuni li jindukraw, il-persuni li jkollhom bżonn il-kura u appoġġ u l-individwi vulnerabbli fil-politiki nazzjonali u tal-UE rilevanti kollha, flimkien mal-inkoraġġiment ta' aktar investiment f'servizzi ta' kura aċċessibbli, bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja;
106. Jitlob li dawn il-prijoritajiet jiġu riflessi wkoll fid-dimensjonijiet esterni tal-politiki tal-UE, inkluż fl-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u fl-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp; jenfasizza li approċċ għall-kura bbażat fuq id-drittijiet, abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, jippermetti tali integrazzjoni fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati l-implimentazzjoni sistematika tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-ugwaljanza fl-istadji kollha rilevanti tal-proċess tal-ibbaġitjar, kemm fil-baġits ċentrali tal-Kummissjoni kif ukoll fil-politiki u fil-programmi appoġġjati mill-UE; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex ireġġgħu lura l-immaġni stigmatizzata ħafna tal-okkupazzjonijiet tal-kura formali u informali u lill-Istati Membri biex jadottaw politiki u programmi effettivi għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni abbażi tal-abbiltà, l-età, il-ġeneru u forom oħra ta' diskriminazzjoni li jinkroċjaw mal-preġudizzju u l-istereotipi assoċjati mal-kura, il-paternaliżmu u l-ideoloġiji tad-dipendenza; jinnota li n-nisa huma sors prezzjuż u mhux sfruttat ta' potenzjal intraprenditorjali fl-Ewropa anke fis-settur tal-kura, u li jistgħu jikkontribwixxi għal innovazzjonijiet ġodda bħal teknoloġiji ġodda;
107. Jinnota li l-indirizzar ta' normi u stereotipi tal-ġeneru stabbiliti huwa l-ewwel pass fit-tqassim mill-ġdid tar-responsabbiltajiet għal xogħol domestiku u ta' kura mhux imħallsa bejn l-irġiel u n-nisa u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu immaġni pubblika pożittiva u l-attrawenza tax-xogħol fis-settur tal-kura kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa billi jippjanaw kampanji edukattivi u ta' informazzjoni pubblika u jappoġġjaw proġetti pilota li javvanzaw dan l-għan u jimmiraw li jgħibu aktar irġiel fil-kura u jippromwovu l-parteċipazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol fis-servizzi tal-kura;
108. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-EPSSR u l-SDGs fil-kuntest tas-Semestru Ewropej; jappella b'mod partikolari għal rappurtar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Kura kif ukoll indikaturi relatati mal-kura li jitqiesu fis-Semestru Ewropej u fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi; iqis li l-ekonomija tal-kura għandha tkun pilastru tal-ekonomiji ta' wara l-pandemija u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu l-kura fiċ-ċentru tal-irkupru ta' wara l-pandemija; jemmen bis-sħiħ li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza trid tinkludi azzjonijiet immirati għat-titjib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isferi kollha tal-ħajja u tal-kura, inklużi miżuri għat-tnaqqis u r-ridistribuzzjoni tal-kura u x-xogħol fid-dar mhux imħallsa;
109. Jinnota li hemm bżonn li l-kura tiġi rikonoxxuta u vvalutata fl-ekonomiji, l-ibbaġitjar u l-istatistika Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċi biex ikejlu u jivvalutaw il-kontribut soċjali u ekonomiku u r-riżultati tal-kura, b'mod

partikolari x-xogħol tal-kura, ix-xogħol tad-dar u x-xogħol domestiku mhux imħallsa billi jżidu l-kura informali fil-katina tal-valuri, inkluż billi jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' indikaturi speċifiċi għar-reviżjoni li jmiss tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali; jistieden lill-Eurostat u lill-EIGE jistmaw il-kontribut ekonomiku tal-persuni li jindukraw b'mod informali għall-ekonomiji tal-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu miżuri alternattivi relatati ta' benesseri ekonomiku u soċjali fil-proċess tat-tfassil tal-politika;

110. Jindika l-benefiċċji ċari ta' introjtu minimu u skemi tal-pensjoni minima għal aċċess f'waqt u effettiv għas-servizzi ta' kura u appoġġ fid-dawl tar-rakkomandazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar introjtu minimu adegwat, kif ukoll biex jiġi żgurat standard ta' għajxien deċenti għall-persuni li jindukraw, li huma prinċipalment nisa, speċjalment dawk li jipprovdu kura informali mhux imħallsa, u jistieden lill-Kummissjoni tisħaq fuq l-importanza li jiġu kkunsidrati u skambjati l-aħjar Prattiki dwar kif jiġu riflessi r-responsabbiltajiet ta' kura matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu dwar l-iskemi tal-pensjoni;
111. Jistieden lill-Kummissjoni torbot l-istrateġija għall-kura li jmiss mal-pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ekonomija soċjali, u tqajjem kuxjenza dwar il-potenzjal tal-ekonomija soċjali fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kura, kif ukoll toħloq opportunitajiet għal aċċess aħjar tan-nisa għal impjiegi ta' kwalità; jistieden lill-Istati Membri biex jinvestu fl-iżvilupp tal-ekonomija tal-kura filwaqt li jqisu l-aspetti tal-fattur uman tas-settur;
112. Jirrikonoxxi u jagħti valur lill-kura pprovduta mis-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ bħal NGOs, organizzazzjonijiet tal-pazjenti, istituzzjonijiet ta' karità, reliġjużi jew istituzzjonijiet oħra;
113. Jistieden lill-Istati Membri jifformulaw u jirvedu l-politiki tal-kura tagħhom fi djalogu soċjali u ċivili permanenti mas-sħab soċjali, l-esperti, is-soċjetà ċivili, l-NGOs, l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u tal-UE, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tar-riċevituri tal-kura u tal-persuni li jindukraw b'mod formali u informali biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' soluzzjonijiet effettivi tal-politika tal-kura soċjali li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-persuni fil-prattika; jisħaq fuq l-importanza li jiġu kkonsultati b'mod attiv il-persuni li jindukraw u r-riċevituri tal-kura u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura li ġejja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-istati Membri jniedu diskussjoni dwar ir-rabta bejn it-teknoloġija u l-kwalità tal-kura;
114. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twettaq riċerka biex tifhem aħjar l-impatt ekonomiku u soċjetali tal-għoti inadegwat ta' kura lil persuni li jkollhom bżonn il-kura u appoġġ u tiżgura finanzjament, jiġifieri fil-qafas tal-pjattaforma futura, għal proġetti ta' riċerka dwar l-impatt soċjali ta' mard rari, minn perspettiva tal-pazjenti, u għal networks u proġetti innovattivi fl-UE kollha li jippermettu lill-Istati Membri joħolqu u jittrasferixxu flimkien Prattiki tajbin u mudelli ta' kura innovattivi, anke b'enfasi speċjali fuq l-aktar mard prevalenti u mard li jikkawża diżabilità, inkluż mard reumatiku u muskuloskeletal (RMDs);
115. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-EIGE, il-Eurofound u aġenziji rilevanti oħra jkollhom riżorsi adegwati biex jimmonitorjaw u janalizzaw jekk u kif il-politiki qed

jagħmlu t-tiġib maħsub fis-settur tal-kura, inkluż f'termini ta' aċċess, kwalità, ugwaljanza bejn il-ġeneri, infrastruttura u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

116. Jappella għal evalwazzjoni xjentifika u etika esterna dwar it-trattament tal-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tal-kura, dwar l-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, kif ukoll dwar l-azzjonijiet tal-Istati Membri, u għal evalwazzjoni tal-livell ta' thejġija li l-UE issa għandha għall-pandemija, u jstieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvestigaw il-kawżi tal-proporzjon kbir ta' infezzjonijiet u mwiet tal-COVID-19 li seħħew fis-servizzi residenzjali għall-anzjani, il-persuni b'diżabilità u faċilitajiet oħra tas-servizzi soċjali, u jekk id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-pazjenti ġewx ittraskurati jew miksura, għall-kisba tat-tagħlimiet meħtieġa u għall-prevenzjoni li jergħu jseħħu traġedji bħal dawn fil-kriżijiet futuri;

o

o o

117. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Sentejn wara l-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, il-President tal-Kummissjoni Ewropea fid-diskors tagħha tal-2021 dwar l-Istat tal-Unjoni, ħabbret Strateġija Ewropea għall-Kura li għandha titressaq mill-Kummissjoni fl-2022 "sabiex kull mara u kull raġel ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-aħjar kura possibbli u jsibu l-aħjar ekwilibriju tal-ħajja". Il-prijoritizzazzjoni tal-kura fil-politiki Ewropej u nazzjonali, inkluż l-investiment meħtieġ, hija l-unika rispons fattibbli u sostenibbli għall-isfidi fit-tul fis-settur tal-kura li komplew ikunu aggravati mill-pandemija tal-COVID-19. L-istrateġija Ewropea għall-kura li ġejja trid tqiegħed il-pedamenti għal riforma li ilha mistennija tas-sistemi tal-kura u tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri, tallinja l-kapaċitajiet mal-ħtiġijiet u d-drittijiet taċ-ċittadini, kif huma riflessi fil-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-bini tar-reżiljenza għal kriżijiet futuri.

Diġà llum, in-nuqqas ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità disponibbli, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli u nuqqas ta' investiment kroniku fl-ekonomija tal-kura li timpjega 6,3 miljun professjonisti jirriżultaw fil-ħtieġa għal sehem sostanzjali ta' kura informali, ipprovduta minn iktar minn 44 miljun persuna li tindokra b'mod informali madwar l-UE. Parti sostanzjali mis-servizzi tal-kura fit-tul huma skaduti u ma jilħqux l-iskop tagħhom. It-trasformazzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità jeħtieġ li finalment tinkiseb. Il-bidla demografika, it-tixjiħ tal-popolazzjoni, kif ukoll ir-riformi meħtieġa relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fl-Ewropa, se jkomplu jampifikaw id-domanda għal diversi servizzi ta' kura, se jpoġġu pressjoni addizzjonali fuq is-settur tal-kura b'nuqqas ta' persunal u mhux iffinanzjat biżżejjed u, mingħajr rispons ta' politika xierqa li jirriżultaw fil-ħolqien ta' iktar impjiegi ta' kwalità fis-settur, jiġġeneraw piżijiet ġodda għall-persuni li jindukraw b'mod informali.

Għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, l-Istati Membri għandhom ipoġġu l-kura fiċ-ċentru tal-politiki tagħhom u jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għall-irkupru wara l-pandemija, filwaqt li jiggarantixxu aċċess f'waqtu u ugwali għal servizzi ta' kura ta' kwalità lill-persuni tal-ġenerazzjonijiet kollha f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u ta' tul il-ħajja kollha. Kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, kura għall-anzjani, servizzi ta' prevenzjoni u riabilitazzjoni, kura fit-tul u forom oħra ta' appoġġ lil persuni b'diżabilità u gruppi vulnerabbli jfissru kura li tingħata b'mod komprensiv u integrat, bi standards għoljin għal servizzi li jirrispondu kemm għall-bżonnijiet fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi tal-individwi u f'koordinazzjoni aħjar bejn il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u servizzi oħra ta' appoġġ.

Ewropa li tieħu ħsieb hija Ewropa li tieħu ħsieb aħjar kemm ta' min jirċievi l-kura kif ukoll tal-persuni li jindukrawhom. L-evidenza, jiġifieri, tikkonferma li x-xogħol tal-kura ħafna drabi huwa assoċjat ma' effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-persuni li jindukraw u ma' diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tal-kura ma' xogħol imħallas. Paga inadegwata li tibqa' ferm taħt il-paga medja madwar l-UE, impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, inklużi għadd kbir ta' kuntratti temporanji u xogħol part-time, xogħol bix-xift u siġhat twal ta' xogħol, flimkien ma' xogħol impenjattiv fiżikament u psikoloġikament f'ambjent mhux sigur u l-esponiment għal prodotti perikolużi huma l-kawżi ewlenin tal-assenteiżmu u t-telfien rapidu tal-ħaddiema. Is-settur qed jiffaċċja sfidi addizzjonali minħabba l-forom ġodda ta' impjiegi mhux standard u sehem kbir ta' xogħol mhux iddikjarat. Il-

kumplessità tal-kwistjonijiet hija aggravata mid-djalogu soċjali dgħajjed u l-kopertura baxxa tas-settur bi ftehimiet kollettivi, li juru li għandhom effett negattiv dirett fuq il-livelli tal-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll l-aċċessibilità u l-kwalità tas-servizzi. Min-naħa l-oħra, il-persuni li jindukraw b'mod informali x'aktarx li jesperjenzaw tnaqqis fis-saħħa u tensjoni emozzjonali, telf finanzjarju u tfixkil fil-pjanijiet u l-istili ta' ħajja tagħhom minħabba n-nuqqas ta' miżuri finanzjarji u ta' appoġġ ieħor li jtaffu l-impatti negattivi tal-obbligi tagħhom ta' kura.

Il-fatt li n-nisa huma rappreżentati b'mod kbir ħafna fost dawk li jirċievu l-kura, kif ukoll persuni li jindukraw imħallsa u mhux imħallsa, jindika l-kura bħala qasam ekonomiku u soċjali fejn id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, il-pagi u l-pensjonijiet u manifestazzjonijiet oħra ta' waħda mill-akbar inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri huma riprodotti. Dan tal-aħħar jenfasizza l-ħtieġa għal bidla monumentali dwar kif ir-responsabbiltajiet ta' kura mħallsa u speċjalment mhux imħallsa u informali huma rikonoxxuti, stmati, u maqsuma bejn l-irġiel u n-nisa fis-soċjetajiet tagħna. Mill-anzjani li għandhom iktar minn 65 sena, iktar minn 7 miljun ruħ jirċievu kura informali fl-UE. Bejn 40 u 50 miljun ruħ fl-UE jipprovdu kura informali fuq bażi regolari. 80 % tal-kura kollha pprovduta fl-UE kollha hija pprovduta minn persuni li jindukraw mhux imħallsa u oħrajn informali. 75 % minnhom huma nisa, u dan jagħmel il-kura iktar kwistjoni bbażata fuq il-ġeneri. Il-persuni li jindukraw b'mod informali huma parti essenzjali mis-soċjetajiet u l-istrutturi tal-kura tagħna, u huwa għalhekk li hemm bżonn ta' pakkett komuni koerenti ta' azzjonijiet fil-livell Ewropew dwar il-kura informali.

Il-qafas strateġiku Ewropew għall-kura għandu jinkludi sett applikabbli direttament ta' strateġiji u eżempji ta' inċentivi ta' politika biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi persistenti u saħansitra li qed jikbru fl-ammont ta' ħin imqatta' fuq il-kura u x-xogħol tad-dar mill-irġiel u n-nisa. Anke meta jkun f'impjieg full-time, in-nisa jqattgħu 13-sieġha aktar ta' kura u xogħol tad-dar mhux imħallsa meta mqabbla mal-irġiel. Ir-responsabbiltajiet tal-kura jżommu sa 7,7 miljun mara fl-UE barra mis-suq tax-xogħol u jagħmlu lin-nisa suxxettibbli li jbiddu l-impjieg tagħhom, ikollhom impjiegi part-time, u jnaqqsu s-siġhat tax-xogħol tagħhom filwaqt li l-impatt tal-kura tat-tfal fuq ix-xejriet tax-xogħol tal-irġiel għadu kważi insinifikanti.

L-indirizzar tar-rappreżentanza żejda tan-nisa fil-kura, li tattira numru akbar ta' ħaddiema rġiel u żgħażaġ fis-settur tal-kura u li jiġu żgurati r-rikonoxximent, it-tnaqqis u t-tqassim mill-ġdid tax-xogħol tal-kura għalhekk inevitabilment jinvolvi l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, iżda wkoll l-età, l-abbiltà u forom oħra ta' diskriminazzjoni u ideoloġiji ta' dipendenza li jinkroċjaw.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	21.6.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 59 -: 12 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Atidzhe Alieva-Veli, Christine Anderson, Marc Angel, Simona Baldassarre, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, Maria da Graça Carvalho, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Loucas Furlas, Cindy Franssen, Heléne Fritzon, Helmut Geuking, Alicia Homs Ginel, Livia Járóka, Radan Kanev, Alice Kuhnke, Stelios Kypouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Karen Melchior, Andżelika Anna Możdżanowska, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Pina Picierno, Sirpa Pietikäinen, Dragoş Pîslaru, Dennis Radtke, Samira Rafaela, Elżbieta Rafalska, Evelyn Regner, Guido Reil, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Monica Semedo, Jessica Stegrud, Eugen Tomac, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Stefania Zambelli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Carmen Avram, Romeo Franz, José Gusmão, Pierre Larrourou, Maria-Manuel Leitão-Marques, Aušra Maldeikienė, Irène Tolleret, Anna Zalewska
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Pietro Bartolo, Karolin Braunsberger-Reinhold, Clare Daly, Andor Deli, Claude Gruffat, Petra Kammerevert, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Dorien Rookmaker, Sabine Verheyen

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT

59	+
NI	Daniela Rondinelli
PPE	Isabella Adinolfi, Karolin Braunsberger-Reinhold, Maria da Graça Carvalho, David Casa, Jarosław Duda, Loucas Furlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kympouropoulos, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Aušra Maldeikienė, Sirpa Pietikäinen, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Sabine Verheyen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Jordi Cañas, Lucia Āuriš Nicholsonová, Karen Melchior, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Samira Rafaela, Monica Semedo, Irène Tolleret
S&D	Clara Aguilera, Marc Angel, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Pietro Bartolo, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Helène Fritzon, Alicia Homs Ginell, Petra Kammerevert, Pierre Larrourou, Maria-Manuel Leitão-Marques, Pina Picierno, Evelyn Regner, René Repasi
THE LEFT	Leila Chaibi, Clare Daly, José Gusmão, Anne-Sophie Pelletier, Eugenia Rodríguez Palop
VERTS/ALE	Romeo Franz, Claude Gruffat, Alice Kuhnke, Katrin Langensiepen, Kira Marie Peter-Hansen, Terry Reintke, Diana Riba i Giner

12	-
ECR	Andżelika Anna Możdżanowska, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Dorien Rookmaker, Jessica Stegrud, Anna Zalewska
ID	Christine Anderson, Simona Baldassarre, Guido Reil, Stefania Zambelli
NI	Andor Deli, Livia Járóka

0	0

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni